MT 2022

# 09

Rapport Speċjali

# L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020:

## Mhuwiex għoli daqskemm ġie rrappurtat

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

# Werrej


| | Paragrafu |
|---|---|
| **Sommarju eżekuttiv** | I - IX |
| **Introduzzjoni** | 01 - 14 |
| Impenji internazzjonali dwar il-klima | 02 - 03 |
| L-iżviluppi prinċipali fil-qafas tal-UE dwar il-klima | 04 - 14 |
| **Ambitu u approċċ tal-awditjar** | 15 - 18 |
| **Osservazzjonijiet** | 19 - 55 |
| L-infiq irrappurtat mhuwiex dejjem rilevanti għall-azzjoni klimatika | 19 - 34 |
| Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima rrappurtat huwa mill-agrikoltura, iżda ma hemmx tnaqqis fl-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli | 20 - 28 |
| Xi suppożizzjonijiet inkonsistenti fil-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima tal-finanzjament fil-qasam tal-infrastruttura u l-koeżjoni | 29 - 34 |
| Ir-rappurtar kumplessiv dwar l-infiq fuq il-klima mhuwiex affidabbli | 35 - 46 |
| Limitazzjonijiet u applikazzjoni inkonsistenti tal-metodoloġija | 36 - 43 |
| In-nefqa fuq il-klima rrappurtata mhux neċessarjament intefqet | 44 - 46 |
| Mistenni titjib limitat fir-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2021-2027 | 47 - 55 |
| Rappurtar dwar il-klima taħt il-QFP il-ġdid | 48 - 50 |
| L-isfidi tal-NGEU | 51 - 55 |
| **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet** | 56 - 63 |
| **Anness — Rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-QEA li huma rilevanti għar-rappurtar dwar il-klima** | |
| **Akronimi u abbrevjazzjonijiet** | |
| **Glossarju** | |

## Risposti tal-Kummissjoni:

## Kronoloġija

## Tim tal-awditjar

# Sommarju eżekuttiv

**I** L-indirizzar tat-tibdil fil-klima huwa prijorità ewlenija għall-UE, li stabbiliet għaliha nfisha objettivi diffikultużi għall-enerġija u l-klima. Dawn jinkludu miri għall-2020 u l-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli, u l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija. L-UE stabbiliet ukoll mira fuq terminu twil li tintlaħaq in-newtralità karbonika sal-2050.

**II** L-UE impenjat lilha nfisha li tonfoq mill-inqas 20 % tal-baġit għall-perjodu 2014-2020 fuq l-azzjoni klimatika. Fl-2021, il-Kummissjoni rrappurtat li kienet laħqet il-mira, wara li kienet nefqet EUR 216-il biljun (20.1 %) fuq miżuri rilevanti għall-klima. Il-baġit tal-UE għall-perjodu 2021-2027 jinkludi mira akbar ta' 30 % fuq l-azzjoni klimatika.

**III** L-objettiv tal-awditu kien li jiġi determinat jekk il-Kummissjoni kinitx irrappurtat informazzjoni rilevanti u affidabbli dwar l-infiq fuq il-klima għall-perjodu 2014-2020. Aħna eżaminajna kif il-Kummissjoni applikat il-metodoloġija tagħha waqt li vvalutat l-infiq fuq il-klima, kif ukoll kif l-infiq irrappurtat ikkontribwixxa għall-azzjoni klimatika. Irrieżaminajna wkoll it-tibdiliet mistennija fit-trekkjar tal-infiq fuq il-klima wara l-2020. Wettaqna x-xogħol f'dan il-mument biex ngħinu lill-Kummissjoni ttejjeb ir-rappurtar futur dwar l-infiq fuq il-klima.

**IV** Aħna sibna li l-infiq irrappurtat ma kienx dejjem rilevanti għall-azzjoni klimatika. Il-valutazzjoni kumplessiva tagħna hija li l-Kummissjoni stmat b'mod eċċessiv il-kontribuzzjoni għall-klima ta' komponenti ewlenin tal-finanzjament tal-agrikoltura bħall-kundizzjonalità, l-oqsma b'restrizzjonijiet naturali, u l-biedja organika. Il-pubblikazzjonijiet tal-Kummissjoni, dawk akkademiċi u tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi jappoġġaw il-valutazzjoni tagħna.

**V** B'mod simili, aħna nivvalutaw li l-Kummissjoni stmat b'mod eċċessiv il-kontribuzzjoni għall-klima ta' sottosetturi ewlenin tal-infrastruttura u l-finanzjament taħt il-qasam tal-koeżjoni, bħat-trasport ferrovjarju, l-elettriku u l-bijomassa. Il-Kummissjoni ma użatx suppożizzjonijiet konservattivi u kienet inkonsistenti fir-rappurtar ta' dawn il-proġetti.

**VI** Aħna nqisu li r-rappurtar kumplessiv dwar l-infiq fuq il-klima ma kienx affidabbli. Hija kienet tinvolvi approssimazzjoni sinifikanti u ttrekkjat biss l-impatt pożittiv potenzjali fuq il-klima mingħajr ma evalwat il-kontribuzzjoni finali għall-għanijiet klimatiċi tal-UE. Kien hemm ukoll riskju li l-ammonti ppjanati jew impenjati ma

jintefqux. Dan jista' jkompli jkabbar l-infiq fuq il-klima rrappurtat. F'istanza waħda, il-Kummissjoni inkludiet il-kontribuzzjoni nazzjonali fir-rappurtar tal-UE.

**VII** L-analiżi li wettaqna indikat li l-Kummissjoni ddikjarat b'mod eċċessiv l-infiq fuq il-klima b'mill-inqas EUR 72 biljun, li minnhom aktar minn 80 % ġew mill-finanzjament għall-agrikoltura. Dan ifisser li madwar 13 % tal-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 intefaq fuq l-azzjoni klimatika.

**VIII** Aħna nesprimu tħassib rigward l-affidabbiltà tar-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2021-2027. Minkejja t-titjib propost fil-metodoloġija tar-rappurtar, il-biċċa l-kbira mill-problemi identifikati għall-perjodu 2014-2020 għadhom jippersistu. L-istrument ta' finanzjament NextGenerationEU, li ġie introdott fl-2020, jinkorpora l-prinċipju ewlieni ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti", li jfisser li jenħtieġ li l-attivitajiet ekonomiċi ma jheddux l-objettivi ambjentali jew klimatiċi. Madankollu, aħna sibna li n-NextGenerationEU jġib miegħu sfidi addizzjonali minħabba rabtiet mhux ċari bejn il-pagamenti u l-objettivi klimatiċi.

**IX** Biex jitjieb ir-rappurtar futur dwar l-infiq fuq il-klima, aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tikseb evidenza xjentifika biex tappoġġa l-kontribuzzjoni mill-politika agrikola, li hija l-akbar komponent tar-rappurtar dwar il-klima tal-UE. Nirrakkomandaw ukoll li r-rappurtar dwar il-klima jiġi msaħħaħ permezz tal-identifikazzjoni ta' nfiq tal-UE b'impatt potenzjalment negattiv fuq il-klima, il-ħruġ ta' linji gwida biex tiġi żgurata l-konsistenza, u jittieħed kont tal-ammonti li ma jkunux intefqu. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-kontribuzzjoni magħmula mill-infiq fuq il-klima għall-objettivi tal-UE għall-klima u l-enerġija.

# Introduzzjoni

**01** L-iskala tat-tibdil reċenti fis-sistema klimatika u l-influwenza umana fuqha ma għandhomx preċedent, u ħafna tibdil huwa irriversibbli għal sekli sħaħ, skont il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima[1]. L-indirizzar tat-tibdil fil-klima permezz ta' politiki interni u l-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali huwa prijorità ewlenija għall-UE[2]. Il-***Figura 1*** turi l-elementi kostitwenti ewlenin tal-politika tal-UE dwar il-klima.

### Figura 1 – Elementi kostitwenti ewlenin




*Sors:* il-QEA.

## Impenji internazzjonali dwar il-klima



**02** Skont il-Protokoll ta' Kjoto, li daħal fis-seħħ fl-2005, l-UE ħadet l-impenn li, bejn l-2008 u l-2012, tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) tagħha bi 8 % mil-livelli tal-1990[3]. Din il-mira għandha l-għan li tillimita t-tisħin globali biex tappoġġa l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, il-Protokoll jindirizza l-adattament għat-tibdil fil-klima, jew l-aġġustament għat-tibdil fil-klima u l-effetti tiegħu.

**03** Fl-2015, il- Ftehim ta' Pariġi stabbilixxa mira ta' mitigazzjoni tal-klima madwar id-dinja biex jillimita t-tisħin globali għal "ferm inqas" minn 2 C, u preferibbilment għal

---

[1] IPCC, Summary for Policymakers in Climate Change 2021: The Physical Science Basis. Contribution of Working Group I to the Sixth Assessment Report of the Intergovernmental Panel on Climate Change, 2021, p. 21.

[2] See Commission website, DG Climate Action, EU Action.

[3] Id-Deċiżjoni 2002/358/KE dwar l-approvazzjoni tal-Protokoll ta' Kyoto.

1.5 C. Huwa kellu wkoll l-għan li jżid l-abbiltà tal-partijiet li jadattaw għat-tibdil fil-klima. L-UE u l-Istati Membri tagħha rratifikaw il-Ftehim fl-2016.

## L-iżviluppi prinċipali fil-qafas tal-UE dwar il-klima



**04** Fl-2011, il-Kummissjoni ħabbret l-objettiv tagħha li żżid il-proporzjon tal-**baġit tal-UE** relatat mal-klima għal mill-inqas 20 % għall-perjodu 2014-2020[4]. Fl-2012, il-Parlament Ewropew għadda Riżoluzzjoni li tappoġġa li "tal-anqas 20 % tan-**nefqa** tkun relatata mal-klima". Fl-2013, il-Kunsill Ewropew ikkonkluda li "l-objettivi tal-azzjoni dwar il-klima se jirrappreżentaw mill-inqas 20% tal-**infiq tal-UE** fil-perjodu 2014-2020"[5]. Fl-2014, l-UE integrat metodoloġija għall-appoġġ għat-tibdil fil-klima fil-leġiżlazzjoni fir-rigward tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej[6].

**05** Il-Kummissjoni tibbaża l-metodoloġija tagħha biex tikkwantifika l-infiq fuq il-klima fuq l-assenjar ta' koeffiċjenti lill-komponenti ta' programmi tal-UE, bħall-oqsma ta' intervent jew proġetti, b'segwitu għall-kontribuzzjoni mistennija tagħhom għall-azzjoni klimatika (ara t-***Tabella 1***). Din il-metodoloġija hija verżjoni adattata tal-markaturi ta' Rio tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), li ġew introdotti fl-1998 biex jidentifikaw attivitajiet li jintegraw l-objettivi tal-konvenzjonijiet ta' Rio fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp[7].

---

[4] Il-Kummissjoni Ewropea, Baġit għall-Ewropa 2020, KUMM(2011) 500, 2011, Parti II, p. 13.

[5] Il-Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet – Qafas Finanzjarju Pluriennali, EUCO 37/13, 2013, il-paragrafu 10.

[6] Ir-Regolament (UE) 215/2014 fir-rigward ta' metodoloġiji tal-appoġġ għat-tibdil fil-klima.

[7] OECD, OECD DAC Rio Markers for Climate Handbook, p. 2.

## Tabella 1 – It-tliet koeffiċjenti tal-UE għall-klima

| Kontribuzzjoni mistennija għall-objettivi klimatiċi: | Sinifikanti | Moderata | L-ebda jew insinifikanti |
|---|---|---|---|
| Koeffiċjent tal-UE għall-klima: | 100 % | 40 % | 0 % |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq id-dokument tal-Kummissjoni, Baġit għall-Ewropa 2020, KUMM(2011) 500, 2011, Parti II, p. 15.

**06** Il-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-infiq kumplessiv relatat mal-klima fl-abbozzi tal-baġit u fir-rapporti tagħha dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni għall-baġit tal-UE. Id-Direttorati Ġenerali għall-Baġit u għall-Azzjoni Klimatika flimkien imexxu dan l-eżerċizzju annwali. F'Ġunju 2021, il-Kummissjoni rrappurtat li l-UE nefqet 20.1 % tal-baġit tagħha għall-perjodu 2014-2020, jew EUR 216-il biljun, fuq il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, b'hekk laħqet il-mira tagħha ta' 20 %[8]. Il-***Figura 2*** turi l-programmi ta' nfiq prinċipali li jikkontribwixxu għal din il-mira.

[8] Il-Kummissjoni, 2020 Annual Management and Performance Report for the EU budget, Volume I.

## Figura 2 – Il-kontribuzzjoni għall-klima fi ħdan il-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020, kif irrappurtata mill-Kummissjoni




*Nota:* "Oħrajn" tinkludi wkoll l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Għajnuna Umanitarja, eċċ.
*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq id-dokument tal-Kummissjoni2020 Annual Management and Performance Report for the EU budget.

**07** Għall-perjodu 2021-2027, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni stabbilew mira kumplessiva ta' kontribuzzjoni ta' 30 % għall-azzjoni klimatika, li hija ogħla minn dik tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti (ara l-*Figura 3*).

## Figura 3 – Miri għall-infiq fuq il-klima għall-baġit tal-UE




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq: Il-Kummissjoni Ewropea, Baġit Modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi; il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027, COM(2018) 321; il-Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet - Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill Ewropew, EUCO 10/20, 2020, p. 7; il-Kummissjoni, Guidance to Member States, Recovery and Resilience Plans, SWD(2020) 205, p. 5.

**08** Fl-2019, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew tagħha, bl-għan li "[tittrasforma] l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva". Il-Patt Ekoloġiku Ewropew stabbilixxa pjan tal-UE għall-klima għall-2030 u l-2050. Il-Kunsill Ewropew approva l-objettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050[9].

**09** Fl-2021, l-UE adottat il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tagħha, fejn stabbiliet mira vinkolanti tal-UE ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti sal-2050. Hija stabbiliet ukoll mira intermedja li tnaqqas l-emissjonijiet netti b'55 % sal-2030 (meta mqabbla mal-1990). Il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" tal-Kummissjoni jappoġġa l-progress lejn il-mira intermedja għall-2030. Huwa fih lista ta' proposti leġiżlattivi, reviżjonijiet u emendi interkonnessi li jinkludu oqsma ta' politika bħall-enerġija, il-klima, il-bini, l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija, inkluż il-ħolqien ta' "Fond Soċjali għall-Klima".

---

9 Il-Kunsill Ewropew, Konklużjonijiet, EUCO 29/19,2019.

**10** Fl-2013, il-Kummissjoni ppubblikat strateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, u strateġija ġdida fl-2021[10]. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tirrikjedi li l-Istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jaħdmu lejn l-adattament għat-tibdil fil-klima.

**11** Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) tappoġġa t-tnaqqis tal-emissjonijiet f'industriji intensivi fl-enerġija, fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana, u fl-avjazzjoni [11] (ara l-***Kaxxa 1***). Setturi ekonomiċi oħra jaqgħu taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-"kondiviżjoni tal-isforzi" tal-UE, li tistabbilixxi miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet biex tiġi appoġġata l-mira tal-UE[12].

### Kaxxa 1 – Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet

L-EU ETS taħdem bħala programm ta' limitu u skambju, li fih l-operaturi koperti jridu jċedu kwota waħda tal-emissjonijiet għal kull tunnellata ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju li jemettu. Dawn l-operaturi jistgħu jirċievu kwoti bla ħlas, jiksbuhom permezz ta' rkant, jew jinnegozjawhom bejniethom. Kull sena l-għadd totali ta' kwoti disponibbli jonqos, u b'hekk jiġi pprovdut "limitu".

**12** L-objettivi tal-UE għall-enerġija u l-klima għall-2020 u l-2030 jinkludu miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli, u l-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija (ara l-***Figura 4***, il-***Figura 5*** u l-***Figura 6***). Fl-2021, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima stabbiliet objettiv vinkolanti li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050 (ara l-paragrafu ***09***), u l-Kummissjoni pproponiet miri ġodda għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija[13].

---

[10] Il-Kummissjoni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021) 82.

[11] L-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE dwar l-EU ETS.

[12] Id-Deċiżjoni 406/2009/KE dwar l-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020, u r-Regolament (UE) 2018/842 dwar il-miri għall-gassijiet serra għall-Istati Membri mill-2021 sal-2030.

[13] Il-Kummissjoni, Proposta għall-emendar ta' diversi direttivi dwar l-enerġija rinnovabbli, COM(2021) 557; il-Kummissjoni, Proposta għal Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (riformulazzjoni), COM(2021) 558.

**13** L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) tirrapporta li:

- L-UE laħqet il-mira ta' 20 % fi tnaqqis ta' gassijiet serra sal-2020, wara li sal-2019 kienet diġà naqqset l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'24 % mil-livelli tal-1990 (ara l-***Figura 4***).

- Is-sehem tal-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli kien ta' 19.7 % fl-2019, filwaqt li ċ-ċifra għall-2020 kienet stmata li kienet 21.3 % (ara l-***Figura 5***).

- Ix-xejra 'l isfel fil-konsum tal-enerġija osservata mill-2006 'l hawn inbidlet fl-2015, iżda l-EEA tistma li l-UE laħqet il-mira tagħha għall-2020, billi naqqset il-konsum ta' enerġija primarja b'24 % (ara l-***Figura 6***).

Il-pandemija tal-COVID-19 affettwat l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-konsum tal-enerġija fl-2020[14].

## Figura 4 – Miri tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (linja bażi 1990)




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq: EEA greenhouse gases - data viewer għall-perjodu 1990-2019; EEA Report No 13/2021 Trends and projections in Europe 2021għall-projezzjoni tal-2020.

[14] EEA Report No 13/2021 Trends and projections in Europe 2021 għall-projezzjoni tal-2020.

## Figura 5 – Sehem tal-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-UE




*Nota:* Fl-2021, il-Kummissjoni pproponiet mira ġdida għall-2030.
*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-EEA.

## Figura 6 – Mira tal-UE għall-effiċjenza fl-enerġija (meta mqabbla mal-konsum tal-enerġija previst fl-2020).




*Nota:* Fl-2021, il-Kummissjoni pproponiet mira ġdida għall-2030.
*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq *data* pprovduta mill-EEA.

**14** Il-Kummissjoni rrappurtat li l-biċċa l-kbira mill-iffrankar tal-enerġija fuq livell nazzjonali kien dovut għall-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija jew għat-tassazzjoni fuq l-

enerġija, aktar milli għall-investiment pubbliku[15]. Rapporti preċedenti tal-QEA kkonkludew li ma kienx possibbli li tiġi vvalutata l-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-mira tal-effiċjenza fl-enerġija tal-UE fil-bini u l-intrapriżi bl-użu tas-sistema ta' monitoraġġ eżistenti. Aħna stmajna li l-proġetti li kkampjunajna jkunu jwasslu għal kontribuzzjoni modesta għall-objettivi tal-effiċjenza fl-enerġija[16].

[15] Il-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-2019 dwar il-progress li għamlu l-Istati Membri lejn il-miri nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika għall-2020, COM(2020) 326.

[16] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 11/2020: Effiċjenza fl-enerġija fil-bini: għadu jinħtieġ fokus akbar fuq il-kosteffettività, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 02/2022 L-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi - iffrankar tal-enerġija iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar

**15** Il-mistoqsija prinċipali tal-awditjar tagħna ħarset lejn jekk il-Kummissjoni kinitx irrappurtat informazzjoni rilevanti u affidabbli dwar l-infiq fuq il-klima għall-perjodu 2014-2020. Aħna analizzajna wkoll il-progress lejn il-mira ta' nfiq ta' mill-inqas 20 % tal-baġit tal-UE fuq l-azzjoni klimatika. Eżaminajna wkoll kif il-Kummissjoni kienet applikat il-metodoloġija tagħha biex tieħu kont tal-infiq fuq il-klima u l-affidabbiltà tar-rappurtar dwar il-klima. Fl-aħħar nett ħarisna lejn il-qafas tal-UE għat-trekkjar tal-infiq fuq il-klima wara l-2020.

**16** Iddeċidejna li nwettqu dan ix-xogħol issa minħabba li dan is-suġġett għandu pożizzjoni prijoritarja fuq l-aġenda politika internazzjonali u dik tal-UE. Barra minn hekk, l-infiq fuq il-klima u r-rappurtar huma kwistjoni trażversali li tkopri sehem sinifikanti mill-baġit tal-UE (ara l-***Figura 1***). Ir-rapport tagħna se jgħin lill-Kummissjoni ttejjeb ir-rilevanza u l-affidabbiltà tar-rappurtar tagħha dwar il-klima matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027. Aħna nistennew li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna jkunu utli fil-kuntest tal-objettiv tal-UE li tinkiseb newtralità klimatika sal-2050.

**17** L-awditu jespandi fuq ix-xogħol preċedenti li wettaqna fil-qasam, li identifika dgħufijiet fil-metodoloġija li ntużat għat-trekkjar tal-azzjoni klimatika li wasslu għal stimi eċċessivi tal-infiq fuq il-klima[17]. Huwa jesplora oqsma li ġew preċedentement rieżaminati f'aktar dettal u jżid oqsma oħra mal-ambitu. L-***Anness*** jelenka r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħna li għadhom rilevanti għar-rappurtar dwar il-klima u li jikkomplementaw xogħolna.

**18** Bl-użu tat-tliet koeffiċjenti tal-UE għall-klima tal-metodoloġija tal-Kummissjoni (ara t-***Tabella 2***), aħna erġajna vvalutajna l-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-azzjoni klimatika. Biex nagħmlu dan, użajna l-evidenza xjentifika disponibbli, ix-xogħol preċedenti li wettaqna u l-ittestjar tal-awditjar rilevanti. Minħabba n-natura tal-eżerċizzju u l-limitazzjonijiet tad-*data* disponibbli, il-kwantifikazzjonijiet tagħna huma indikattivi. L-ambitu tagħna kien jinkludi l-programmi kollha tal-UE b'kontribuzzjoni ta'

[17] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 17/2013: Finanzjament għall-klima mill-UE fil-kuntest ta' għajnuna esterna; ir-Rapport Speċjali 31/2016: Infiq ta' mill-inqas euro wieħed minn kull ħamsa mill-baġit tal-UE fuq l-azzjoni klimatika: qed isir xogħol ambizzjuż, iżda hemm riskju serju li ma jkunx suffiċjenti, 2016; ir-Rapport Analitiku 01/2020: Insegwiment tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE.

aktar minn 2 % għar-rappurtar dwar il-klima (ara l-*Figura 2*). Il-*Figura 7* tiġbor fil-qosor l-approċċ tal-awditjar tagħna u s-sorsi prinċipali ta’ evidenza.

## Figura 7 – L-approċċ tal-awditjar tagħna u s-sorsi prinċipali ta’ evidenza

- Analiżi ta’ *data* tal-infiq fuq il-klima rrappurtat u rieżaminar tal-aktar miżuri u proġetti sinifikanti
- Skambji ma’ partijiet ikkonċernati u ma’ esperti minn Organizzazzjonijiet Nongovernattivi (NGOs), id-dinja akkademika u organizzazzjonijiet internazzjonali[1] biex tiġi kkorroborata evidenza li tappoġġa l-osservazzjonijiet tagħna
- Diskussjonijiet ma’ awtoritajiet nazzjonali (Franza, l-Irlanda) biex issir valutazzjoni komparattiva tal-prattiki tagħhom fir-rappurtar dwar il-klima
- Eżaminar ta’ leġiżlazzjoni, strateġiji, linji gwida, evalwazzjonijiet u dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni relatati mal-infiq fuq il-klima
- Rieżaminar ta’ studji xjentifiċi u rapporti ppubblikati minn Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar, akkademiċi, NGOs u gruppi ta’ riflessjoni fil-qasam
- Rieżaminar ta’ dokumentazzjoni u intervisti ma’ uffiċjali tal-Kummissjoni minn 11-il dipartiment[2]

1 OECD, Climate Action Network, Institute for European Environmental Policy, iċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej, il-Bank Ewropew tal-Investiment.

2 Id-Direttorati Ġenerali għall-Baġit, għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, għall-Mobbiltà u t-Trasport, għall-Enerġija, għall-Azzjoni Klimatika, għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-Politika Reġjonali u Urbana, għas-Sħubijiet Internazzjonali, għall-Appoġġ għar-Riformi Strutturali u t-Task Force għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

*Sors:* il-QEA.

# Osservazzjonijiet

## L-infiq irrappurtat mhuwiex dejjem rilevanti għall-azzjoni klimatika

**19** Jekk jiġi rrappurtat bħala rilevanti għall-klima, jenħtieġ li l-infiq tal-UE jaħdem lejn il-mitigazzjoni jew l-adattament għat-tibdil fil-klima, jikkontribwixxi għall-objettivi tal-UE għall-enerġija u l-klima, jew jindirizza l-impatt u r-riskji tat-tibdil fil-klima. Jenħtieġ li l-infiq li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika jiġi kkalkulat bl-użu ta' koeffiċjenti għall-klima realistiċi. Din it-taqsima tħares lejn l-oqsma prinċipali tal-programmi ta' nfiq pubbliċi tal-UE rrappurtati bħala rilevanti għall-klima: l-agrikoltura, l-infrastruttura u l-koeżjoni.

### Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima rrappurtat huwa mill-agrikoltura, iżda ma hemmx tnaqqis fl-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli

**20** Iż-żewġ komponenti prinċipali tal-Politika Agrikola Komuni tal-UE huma l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Il-karatteristiċi u l-kontribuzzjonijiet prinċipali tagħhom għar-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2014-2020 huma miġbura fil-qosor fil-***Kaxxa 2*** u l-***Kaxxa 3***.

## Kaxxa 2 – Kontribuzzjoni għar-rappurtar dwar il-klima matul il-perjodu 2014-2020 Pagamenti diretti taħt il-FAEG

Il-**Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)** jiffinanzja l-pagamenti diretti tal-UE u l-miżuri tas-suq taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK). Il-pagamenti diretti, li jikkostitwixxu l-akbar sehem mill-finanzjament taħt il-FAEG, huma l-pagamenti ta' appoġġ għall-agrikoltura li jsiru direttament lill-bdiewa (eż. abbażi tal-erja).




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq rappurtar tal-Kummissjoni.

**21** Nofs l-infiq fuq il-klima tal-UE rrappurtat huwa relatat mal-agrikoltura (ara l-***Figura 2***). Rapport tal-2021 tal-QEA josserva li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-biedja fl-UE ma naqqsux mill-2010 'l hawn[18]. L-istudji ta' mmudellar dwar il-**mitigazzjoni** tat-tibdil fil-klima jissuġġerixxu li mingħajr pagamenti diretti, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE mill-agrikoltura jkunu bejn 2.5 % - 4.2 % inqas. Din hija konsegwenza ta' tnaqqis fl-attività agrikola, bl-akbar kontribuzzjoni ġejja mit-trobbija tal-ifrat[19]. It-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE minħabba tnaqqis fil-pagamenti diretti/attività agrikola fl-UE jkunu jitpattew sa ċertu punt minn żieda fl-emissjonijiet barra mit-territorju tal-UE (ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju)[20].

**22** Il-prattiki agrikoli bħall-kultivazzjoni tal-għelejjel ta' kopertura jew iż-żamma tal-livelli ta' materja organika tal-ħamrija huma ta' benefiċċju kemm għall-mitigazzjoni tat-

[18] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 16/2021: Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima: Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu.

[19] Brady, M. *et al.*: Impacts of Direct Payments, 2017, pp. 70, 88-89; M'barek, R. *et al.*; Scenar 2030 - Pathways for the European agriculture and food sector beyond, 2020, p. 144.

[20] Ibid.

tibdil fil-klima kif ukoll għall-adattament għalih[21]. Għall-**adattament**, l-introjtu mill-pagamenti diretti jżid il-kapaċità tal-azjendi agrikoli li jindirizzaw ix-xokkijiet negattivi mit-tibdil fil-klima[22]. Dipendenza fuq il-pagamenti diretti, madankollu, tista' żżomm azjendi agrikoli mhux vijabbli, b'hekk jitnaqqas ir-ritmu tal-bidliet strutturali li jistgħu jkunu neċessarji għall-adattament[23].

**23** Il-Kummissjoni tikkalkula l-kontribuzzjoni għall-klima tal-pagamenti diretti kemm mill-komponenti ekoloġiċi tagħhom, kif ukoll minn dawk mhux ekoloġiċi[24]. L-**ekoloġizzazzjoni** tirreferi għall-adozzjoni ta' prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u għall-ambjent. Bdiewa żgħar jistgħu jibbenefikaw mill-ekoloġizzazzjoni mingħajr ma jkollhom għalfejn jissodisfaw xi rekwiżit tal-ekoloġizzazzjoni[25]. Ir-rekwiżiti tal-ekoloġizzazzjoni lanqas ma japplikaw għal azjendi meqjusa bħala "ekoloġiċi" fihom infushom (eż. bdiewa mis-settur organiku). Il-kontribuzzjonijiet **mhux relatati mal-ekoloġizzazzjoni** huma fil-biċċa l-kbira ġustifikati permezz tal-kundizzjonalità, li tistabbilixxi regoli dwar l-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, u l-ġestjoni tal-art.

**24** Billi l-**ekoloġizzazzjoni** tinkludi referenzi għall-objettivi klimatiċi[26], skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni din hija rilevanti għall-klima, għal kontribuzzjoni kumplessiva ta' EUR 28 biljun. Għal din ir-raġuni, il-kontribuzzjoni tal-ekoloġizzazzjoni tista' tiġi vvalutata bħala konformi mal-metodoloġija. Madankollu, studju ta' evalwazzjoni ppubblikat mill-Kummissjoni sab li l-impatt tal-ekoloġizzazzjoni fuq il-

---

[21] Chahal, I. et al. Cumulative impact of cover crops on soil carbon sequestration and profitability in a temperate humid climate, 2020.

[22] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 23/2019: Stabbilizzazzjoni tal-introjtu tal-bdiewa: sett komprensiv ta' għodod, iżda l-istrumenti ftit li xejn jintużaw u jeħtieġ li jiġi indirizzat il-kumpens eċċessiv.

[23] Il-Kummissjoni Evaluation study of the impact of the CAP on climate change and greenhouse gas emissions, Alliance Environnement, 2019, p. 113.

[24] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Analitiku 01/2020: Insegwiment tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE, Figura 7.

[25] Ir-Regolament (UE) 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa.

[26] Il-Premessi 42 u 44 tar-Regolament (UE) 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa.

mitigazzjoni huwa inċert ħafna, iżda probabbilment baxx[27]. Bl-istess mod, studji oħra jindikaw biss impatt minimu tal-ekoloġizzazzjoni, b'tibdil fil-prattiki agrikoli fuq 2 % - 5 % tal-art agrikola[28]. Dan għaliex ir-rekwiżiti tal-ekoloġizzazzjoni fil-biċċa l-kbira jaqblu mal-prattiki agrikoli diġà eżistenti. F'rapport preċedenti, aħna sibna li l-ekoloġizzazzjoni offriet protezzjoni limitata għall-karbonju maħżun fil-bwar u affettwat biss b'mod marġinali l-emissjonijiet ta' gassijiet serra[29].

25 Skont il-Kummissjoni, 20 % tal-baġit **mhux relatat mal-ekoloġizzazzjoni** jagħmel kontribuzzjoni moderata għall-azzjoni klimatika (40 % tal-koeffiċjent), u jirrappreżenta EUR 17.5 biljun. Dan jirriżulta f'kontribuzzjoni netta ta' 8 % mill-komponent mhux relatat mal-ekoloġizzazzjoni. Il-Kummissjoni tiġġustifika l-fattur ta' ponderazzjoni ta' 20 % bħala indikatur għall-penali għal ksur tal-kundizzjonalità. Aħna vvalutajna li l-kontribuzzjoni mhux relatata mal-ekoloġizzazzjoni għall-azzjoni klimatika hija negliġibbli (it-***Tabella 2***).

[27] Il-Kummissjoni Evaluation study of the payment for agricultural practices beneficial for the climate and the environment, Alliance Environnement u Thünen Institute, 2017.

[28] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 21/2017: Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjtu, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva, paragrafu 28 u l-Figura 5, Gocht, A. *et al*.: Economic and Environmental Impacts of CAP Greening: CAPRI Simulation Results, 2017; Louhichi, K. *et al*.: Economic impacts of CAP greening: application of an EU-wide individual farm model for CAP analysis (IFM-CAP), 2017.

[29] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 21/2017: Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjtu, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva, il-paragrafi 43-46.

## Tabella 2 – Valutazzjoni mill-QEA tal-kontribuzzjoni mhux relatata mal-ekoloġizzazzjoni għall-azzjoni klimatika

| Il-komponent mhux relatat mal-ekoloġizzazzjoni u l-applikazzjoni tal-koeffiċjent għall-klima | Valutazzjoni mill-QEA bl-użu tal-metodoloġija tal-Kummissjoni, u l-impatt fuq ir-rappurtar | |
|---|---|---|
| **Kontribuzzjoni tal-komponent mhux relatat mal-ekoloġizzazzjoni: EUR 17.5 biljun** | | |
| **Kundizzjonalità:**<br>(kopertura minima tal-ħamrija)<br>(erożjoni tal-ħamrija)<br>(materja organika fil-ħamrija)<br> | ➲ il-livell tal-penali fil-prattika huwa sinifikattivament inqas minn 20 % – ta' spiss il-bdiewa jirċievu biss twissija bikrija, u l-ebda penali[a,b,c];<br><br>➲ il-penali ma japplikawx għall-bdiewa żgħar, il-livell ta' konformità jvarja u jseħħ ksur[b,c,d];<br><br>➲ studju ta' evalwazzjoni jindika r-riskju ta' deadweight billi l-Istati Membri jistgħu jallinjaw ir-regoli tal-kundizzjonalità ma' prattiki eżistenti[e];<br><br>❶ kontribuzzjoni totali ta' 8 % hija insinifikanti, aktar milli moderata. | <br>**stima eċċessiva probabbli ta' EUR 17.5 biljun** |

*Sors:* **a:** il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Analitiku 01/2020: Insegwiment tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE, il-paragrafu 27, **b:** il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 26/2016: Iż-żieda fl-effettività tal-kundizzjonalità u l-ksib ta' simplifikazzjoni għadhom diffikultużi,il-paragrafu 29; **c:** il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 31/2016: Infiq ta' mill-inqas euro wieħed minn kull ħamsa mill-baġit tal-UE fuq l-azzjoni klimatika: qed isir xogħol ambizzjuż, iżda hemm riskju serju li ma jkunx suffiċjenti; **d:** il-Kummissjoni, DĠ AGRI - Rapport Annwali tal-Attività għall-2019; Annessi, p. 192; **e:** il-Kummissjoni Evaluation study of the impact of the CAP on climate change and greenhouse gas emissions, Alliance Environnement, 2019, p. 96.

### Kaxxa 3 – Kontribuzzjoni għar-rappurtar dwar il-klima matul il-perjodu 2014-2020: l-iżvilupp rurali

Il-**Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)** jikkofinanzja l-iżvilupp rurali tal-UE taħt il-PAK. Huwa għandu l-għan li jagħmel lis-setturi tal-agrikoltura u tal-foresterija iktar kompetittivi, itejjeb l-ambjent u l-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali u jinkoraġġixxi d-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali.






*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq rappurtar tal-Kummissjoni.

**26** L-impatt tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali fuq il-**mitigazzjoni** tat-tibdil fil-klima mhuwiex ċar. Skont studju tal-Kummissjoni, mingħajr l-infiq fuq l-iżvilupp rurali, il-produzzjoni agrikola tkun tonqos u l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra fl-UE mill-agrikoltura jistgħu jkunu 1.6 % inqas sal-2030[30]. Madankollu, it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta’ gassijiet serra fl-UE jkun ikkumpensat sa ċertu punt minn żidiet fil-pajjiżi mhux tal-UE (ara l-paragrafu ***21***). Evalwazzjoni oħra mwettqa mill-Kummissjoni tistma li xi miżuri ta' żvilupp rurali (l-aktar tan-Natura 2000) inaqqsu l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-agrikoltura b’1.1 %. Madankollu, l-evalwazzjoni tirrikonoxxi li l-istima tagħha tesaġera l-impatt tal-pagamenti taħt Natura 2000 u tinvolvi xi għadd doppju[31]. F'rapport preċedenti tal-QEA, aħna konna sibna li l-appoġġ għall-iżvilupp rurali rari ntuża għal prattika effettivi ta’ mitigazzjoni[32]. Il-pagamenti għall-iżvilupp rurali jistgħu jikkontribwixxu għall-**adattament** għat-tibdil fil-klima (ara l-paragrafu ***22*** u t-***Tabella 3***)

[30] M’barek, R. *et al.*; Scenar 2030 - Pathways for the European agriculture and food sector beyond, 2020, pp. 115, 144.

[31] Commission Staff Working Document on Evaluation of the impact of the Common Agricultural Policy on climate change and greenhouse gas emissions, pp. 23-24.

[32] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 16/2021: Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima: Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu, paragrafu VII.

**27** Biex tikkalkula l-proporzjon ta’ nfiq fuq l-iżvilupp rurali li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika, il-Kummissjoni tassenja koeffiċjenti għall-klima lil diversi prijoritajiet tal-FAEŻR u oqsma ta’ prijorità. Pereżempju, il-Prijorità 4 tal-FAEŻR, “Ir-restawr, l-ippreżervar u t-titjib tal-ekosistemi relatati mal-agrikoltura u mal-forestrija” u l-Prijorità 5 “Effiċjenza tar-riżorsi, ekonomija reżistenti għat-tibdil fil-klima”, għandhom koeffiċjent għall-klima ta’ 100 %. Filwaqt li l-prijorità 5 għandha l-klima bħala l-objettiv iddikjarat, il-prijorità 4 m’għandhiex, għalkemm il-Kummissjoni tqis li huwa mistenni impatt sinifikanti fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Rapport preċedenti tal-QEA ftit li xejn sab elementi, fl-istudji tal-każijiet, f’analiżi tal-letteratura jew fin-noti interni tal-Kummissjoni, li jappoġġaw il-koeffiċjent għall-klima ta’ 100% għall-Prijorità 4[33]. It-*Tabella 3* turi l-valutazzjoni tagħna tal-aktar miżuri sinifikanti tal-Prijorità 4.

[33] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 31/2016: Infiq ta’ mill-inqas euro wieħed minn kull ħamsa mill-baġit tal-UE fuq l-azzjoni klimatika: qed isir xogħol ambizzjuż, iżda hemm riskju serju li ma jkunx suffiċjenti, l-Anness.

**Tabella 3 – Valutazzjoni mill-QEA tal-kontribuzzjoni tal-Prijorità 4 tal-FAEŻR għall-azzjoni klimatika**

| Miżura tal-FAEŻR u l-koeffiċjent għall-klima applikat | Valutazzjoni mill-QEA bl-użu tal-metodoloġija tal-Kummissjoni, u l-impatt fuq ir-rappurtar | |
|---|---|---|
| **Erjas li qegħdin jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra EUR 16.1 biljun** | | |
|  | ➲ ma jindirizzawx direttament it-tibdil fil-klima[a];<br>➲ jipprevienu l-abbandun tal-art[a] (jipprevienu n-nirien fil-foresti ), iżda jipprevienu wkoll ir-restawr ekoloġiku (afforestazzjoni)[b];<br>➲ jipprovdu inċentivi biex tinżamm il-produzzjoni agrikola u b'hekk il-livelli tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra[b]. |  **stima eċċessiva probabbli ta' EUR 16.1 biljun** |
| **Miżuri agroambjentali klimatiċi EUR 15.7 biljun** | | |
|  | ⬆ jappoġġaw prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-klima (eż. għelejjel ta' kopertura, kontenut ta' karbonju fil-ħamrija)[a,b];<br>➲ għandhom fokus qawwi fuq il-bijodiversità[b];<br>➲ xi skemi ma għandhom l-ebda impatt jew għandhom impatt limitat ħafna fuq il-klima (eż. diversifikazzjoni tal-għelejjel)[b,c]. |  **stima eċċessiva probabbli ta' EUR 9.4 biljun** |
| **Biedja organika EUR 7.5 biljun** | | |
|  | ⬆ konverżjoni għal biedja organika twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet u għal titjib fil-kwalità tal-ħamrija (jekk jintuża inqas fertilizzant)[d];<br>➲ tista' żżid l-adattament għat-tibdil fil-klima permezz ta' diversifikazzjoni fil-produzzjoni, iżda xi għodod (eż. il-bijoteknoloġija, il-pestiċidi) ma jistgħux jintużaw[e];<br>⬇ rendimenti aktar baxxi mill-biedja organika jistgħu jwasslu għal aktar produzzjoni u aktar emissjonijiet fi bnadi oħra[d]. |  **stima eċċessiva probabbli ta' EUR 4.5 biljun** |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq: **a:** Commission Evaluation of the impact of the CAP on climate change and greenhouse gas emissions, SWD(2021) 115, pp. 40, 53; **b:** il-Kummissjoni, Evaluation study of the impact of the CAP on climate change and greenhouse gas emissions, 2019, pp. 19, 127, 129, 245; **c:** il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 31/2016: Infiq ta' mill-inqas euro wieħed minn kull ħamsa mill-baġit tal-UE fuq l-azzjoni klimatika: qed isir xogħol ambizzjuż, iżda hemm riskju serju li ma jkunx suffiċjenti, il-paragrafu 52; **d:** Smith, L. G. *et al*, The greenhouse gas impacts of converting food production in England and Wales to organic methods, p. 4, 2019; **e:** Purnhagen, K.P., *et al*, Europe's Farm to Fork Strategy and Its Commitment to Biotechnology and Organic Farming: Conflicting or Complementary Goals?, pp. 603, 605, 2021.

**28** F'rapport tal-2016, aħna ħarisna lejn "it-trawwim tal-iżvilupp lokali fiż-żoni rurali" (prijorità 6B) u sibna li ma kienet tat l-ebda kontribuzzjoni kumplessiva sinifikanti għall-objettivi klimatiċi[34]. L-analiżi tagħna tal-proġett (ara t-*Tabella 4*) tikkonferma li l-koeffiċjent għall-klima ta' 40 % ma kienx iġġustifikat.

### Tabella 4 – Valutazzjoni mill-QEA tal-kontribuzzjoni tal-Prijorità 6B tal-FAEŻR għall-azzjoni klimatika

|  **Servizzi bażiċi u tiġdid tal-irħula f'żoni rurali** |  **Żvilupp lokali mmexxi mill-komunità** |
|---|---|
| **EUR 4.8 biljun** | **EUR 6.8 biljun** |
| Il-proġetti jistgħu jinkludu investimenti fl-enerġija rinnovabbli jew fl-iffrankar tal-enerġija, iżda l-ittestjar tagħna wera li l-biċċa l-kbira mill-proġetti jew ma kinux relatati mal-klima jew inkella kienu potenzjalment dannużi (eż. bini ta' infrastruttura). | L-ittestjar tagħna kkonferma li dawn il-proġetti kienu jikkonċernaw l-aktar aspetti soċjali jew ekonomiċi u taw kontribuzzjoni insinifikanti (jekk kien hemm) għall-azzjoni klimatika. |
| Mis-**17-il** proġett iffinanzjati taħt din il-miżura u kkampjunati għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħna għall-perjodu 2014-2020:<br>-> **10** kienu jikkonċernaw toroq lokali (impatt negattiv fuq il-klima);<br>-> **2** kienu marbuta mal-azzjoni klimatika. | Mit-**78** proġetti taħt il-FAEŻR ikkampjunati għar-rapport speċjali tagħna dwar din il-miżura[35]:<br>-> **1** kien marbut mal-azzjoni klimatika.<br>Mit-**18-il** proġett iffinanzjati taħt din il-miżura u kkampjunati għad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni tagħna għall-perjodu 2014-2020:<br>-> **1** kien marbut mal-azzjoni klimatika. |
|  0 % **stima eċċessiva probabbli ta' EUR 11.6 biljun** | |

*Nota:* dawn il-kampjuni ntużaw fil-kuntest ta' awditi oħra, u jappoġġaw il-konklużjonijiet tagħna dwar rabtiet mal-klima.
*Sors:* il-QEA.

[34] Ibid.

[35] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Rapport Speċjali 10/2022, dwar LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità.

### Xi suppożizzjonijiet inkonsistenti fil-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima tal-finanzjament fil-qasam tal-infrastruttura u l-koeżjoni

**29** Il-biċċa l-kbira mill-infiq tal-UE fil-qasam tal-infrastruttura u l-koeżjoni jitwassal permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK). Il-karatteristiċi prinċipali u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għar-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2014-2020 huma miġbura fil-qosor fil-***Kaxxa 4*** u l-***Kaxxa 5***.

#### Kaxxa 4 – Kontribuzzjoni għar-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2014-2020: Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)

L-**FNE** tappoġġa investimenti ta' prijorità fis-setturi tal-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjonijiet. Din tinkludi proġetti dwar l-infrastruttura transfruntiera tal-enerġija, il-modi tat-trasport aktar nodfa, il-konnessjonijiet broadband b'veloċità għolja u n-networks diġitali.




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq rappurtar tal-Kummissjoni.

**30** L-objettivi ġenerali tal-FNE jirreferu għall-miri tal-UE għall-enerġija u l-klima (ara l-paragrafi ***12***-***14***), b'hekk ikopru l-**mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima**[36]. Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-FNE tiffinanzja l-aktar proġetti li jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-UE[37]. L-objettivi u l-kriterji tal-azzjoni klimatika mhumiex neċessarji għall-approvazzjoni tal-proġett: mill-proġetti ta' trasport taħt l-FNE skont il-valur (ta' EUR 0.9 biljun), 4 % biss semmew it-trasport sostenibbli u effiċjenti bħala l-

[36] L-Artikolu 3(a) tar-Regolament (UE) 1316/2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

[37] Commission Mid-term evaluation of the Connecting Europe Facility, SWD(2018) 44.

objettiv prinċipali tagħhom ta' finanzjament, skont il-Kummissjoni[38]. Iżda t-trasport jirrappreżenta madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE, bl-akbar proporzjon iġġenerat mit-trasport bit-triq[39].

**31** F'termini ta' **adattament**, proġetti ferrovjarji aġġornati jistgħu jinkludu investimenti mmirati għall-prevenzjoni tal-għargħar matul il-linji ferrovjarji, imbankmenti msaħħa jew miżuri ta' adattament għad-diżastri klimatiċi permezz ta' sistemi ta' monitoraġġ għal mini u pontijiet[40]. Fid-dawl tad-*data* disponibbli, dawn l-investimenti ma jistgħux jiġu kkwantifikati.

**32** Biex tikkalkula l-proporzjon ta' nfiq taħt l-FNE immarkat bħala nfiq fuq il-klima għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni applikat b'mod retroattiv il-koeffiċjenti għall-klima mir-Regolament dwar l-FNE għal wara l-2020[41], għalkemm proġetti simili taħt il-politika ta' koeżjoni jiġu ttrattati b'mod differenti (ara l-paragrafu ***40***). L-analiżi li wettaqna wriet li l-koeffiċjenti użati mill-Kummissjoni għas-sottosetturi l-aktar sinifikanti tal-FNE kienu ġenerużi (ara t-***Tabella 5***).

---

[38] Il-Kummissjoni, Investing in European networks – The Connecting Europe Facility. Five years supporting European infrastructure, p. 21.

[39] Il-Kummissjoni, EU transport in figures — statistical pocketbook 2020.

[40] Quinn, A. et al. Rail Adapt: Adapting the railway for the future. UIC (Unjoni Internazzjonali Ferrovjarja), Novembru 2017.

[41] Il-Premessa 5 tar-Regolament (UE) 2021/1153 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

## Tabella 5 – Valutazzjoni mill-QEA tal-kontribuzzjoni mis-sottosetturi l-aktar sinifikanti tal-FNE għall-azzjoni klimatika

| Sottosettur tal-FNE u l-koeffiċjent għall-klima applikat | Valutazzjoni mill-QEA bl-użu tal-metodoloġija tal-Kummissjoni, u l-impatt fuq ir-rappurtar | |
|---|---|---|
| **Trasport: Ferrovjarju EUR 15.3 biljun** | | |
|  Il-proġetti jinvolvu l-aktar il-modernizzazzjoni tal-ferroviji.   | It-trasport ferrovjarju huwa fost l-aktar mezzi ta’ trasport effiċjenti f’termini ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra[a];<br>Il-ferroviji kisbu biss tnaqqis modest fl-emissjonijiet ta’ $CO_2$, partikolarment fejn il-fjuwils fossili kienu għadhom is-sors tal-elettriku[a];<br>L-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-kostruzzjoni tal-infrastruttura għall-ferroviji huma akbar minn dawk ta’ modi oħra tat-trasport: il-ferroviji jista’ jkollhom bżonn minn ħames snin sa diversi deċennji biex dawn l-emissjonijiet jitpattew[a,b];<br>Proġetti ferrovjarji simili assenjaw koeffiċjent għall-klima ta’ **40 %** taħt il-politika ta' koeżjoni[c]. |   **Stima eċċessiva probabbli ta’ EUR 9.2 biljun** |
| **Enerġija: Elettriku EUR 2.8 biljun** | | |
|  Il-proġetti jikkonċernaw l-aktar konnessjonijiet tal-elettriku u studji relatati.   | Il-proġetti jistgħu jappoġġaw l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli[d];<br>L-elettriku mhux neċessarjament ifisser sors nadif ta’ enerġija, billi 37 % biss tal-elettriku kkunsmat fl-EU-27 fl-2020 kien iġġenerat minn sorsi rinnovabbli[d,e];<br>Proġetti simili ta’ trażmissjoni tal-enerġija assenjaw koeffiċjent għall-klima ta’ **0 %** taħt il-politika ta' koeżjoni[c]. |   **Stima eċċessiva probabbli ta’ EUR 1.7 biljun** |

*Sors:* **a:** Pritchard J. A., The potential of the railway to reduce greenhouse gas emissions, 2011, pp. 942, 945-946, 949; **b:** Olugbenga O., Embodied emissions in rail infrastructure: a critical literature review, 2019, p. 14; **c:** Ir-Regolament (UE) 215/2014 fir-rigward ta’ metodoloġiji tal-appoġġ għat-tibdil fil-klima; **d:** Ir-Rapport 13/2020 tal-EEA, Trends and projections in Europe 2020, 2020, p. 29; **e:** Eurostat, Statistics on renewable energy (SHARES summary results 2020).

## Kaxxa 5 – Kontribuzzjoni għar-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2014-2020: Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK)

Il-politika ta' koeżjoni tal-UE għandha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali fi ħdan l-UE. Fil-perjodu 2014-2020:

- il-**FEŻR** iffinanzja proġetti li jindirizzaw prijoritajiet ta' investiment bħal: l-innovazzjoni u r-riċerka, l-aġenda diġitali, l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji, u l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;
- l-**FK** iffinanzja proġetti ta' infrastruttura fl-oqsma tat-trasport u l-ambjent fi Stati Membri tal-UE b'Introjtu Nazzjonali Gross għal kull abitant taħt id-90 % tal-medja tal-UE.




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq rappurtar tal-Kummissjoni.

**33** Il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprovdi l-qafas biex jittieħed kont tal-infiq fuq il-klima mill-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni[42]. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmaniġġjaw il-FEŻR u l-FK b'mod konġunt. L-Istati Membri huma responsabbli għall-għażla tal-proġetti u għar-rappurtar lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tirċievi informazzjoni konsolidata mill-Istati Membri li tkun maqsuma skont l-oqsma ta' intervent rilevanti ddefiniti fil-leġiżlazzjoni. Dawn jiġu assenjati koeffiċjenti għall-klima speċifiċi.

**34** Il-Kummissjoni għandha pjattaforma komprensiva u disponibbli għall-pubbliku li tikkumpila t-trekkjar tal-klima skont il-fond taħt il-politika ta' koeżjoni, l-Istat Membru u l-programm[43]. Studju wieħed sab li l-koeffiċjenti għall-klima tal-FEŻR u l-FK għall-perjodu 2014-2020 ġeneralment kienu jirriflettu l-kontribuzzjoni magħmula għall-

[42] Ir-Regolament (UE) 215/2014 fir-rigward ta' metodoloġiji tal-appoġġ għat-tibdil fil-klima.

[43] Public dashboard for European Structural and Investment Funds.

**mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih**[44]. Madankollu, aħna nosservaw xi problemi għall-proġetti tal-bijomassa u l-infrastruttura tal-gass (ara l-***Figura 8***).

### Figura 8 – Problemi bil-kontribuzzjoni mill-FEŻR u l-FK għall-infiq fuq il-klima



**Proġetti tal-bijomassa**

Il-letteratura turi li l-użu tal-bijomassa jista' jwassal għal emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal jew ogħla mill-emissjonijiet mill-fjuwils fossili (eż. l-użu ta' ġdur tas-siġar jew skart tal-injam).

Il-leġiżlazzjoni attwali tqis li l-użu tal-bijomassa għall-ġenerazzjoni tal-enerġija jagħti kontribut sinifikanti għall-azzjoni klimatika (koeffiċjent ta' 100 %). Dan mhuwiex dejjem iġġustifikat: koeffiċjent ta' 40 % huwa aktar raġonevoli.

**Stima eċċessiva probabbli: EUR 0.7 biljun.**



**Il-portijiet u l-passaġġi fuq l-ilma interni: komponent tal-infrastruttura tal-gass**

Il-gass huwa fjuwil fossilu. Il-proġetti tal-gass ma joffrux soluzzjoni sostenibbli u fuq terminu twil li titbiegħed mill-fjuwils fossili. Huma jqajmu wkoll ir-riskju ta' "intrappolament tal-karbonju", fejn l-infrastruttura b'ħajja twila xxekkel it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Xi portijiet tal-baħar, portijiet interni jew passaġġi fuq l-ilma interni jinkludu terminals tal-Gass Naturali Likwifikat, li jibbenefikaw minn koeffiċjent ta' 40 %, minkejja l-fatt li jistgħu jinkludu infrastruttura li taqbad l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

**Ammont f'riskju*: EUR 0.7 biljun.**

**Nota:* L-ammont li jinsab f'riskju jirreferi għall-ammont totali investit fil-portijiet tal-baħar, fil-portijiet interni jew fil-passaġġi fuq l-ilma interni, minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-komponent tal-gass ta' dawk il-proġetti.
*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq: Camia A. et al., The use of woody biomass for energy purposes in the EU, 2021, pp. 86, 143-147; Fisch-Romito, V. et al., Systematic map of the literature on carbon lock-in induced by long-lived capital. Environmental Research Letters; Brauers, H. et al., Liquefied natural gas expansion plans in Germany: The risk of gas lock-in under energy transitions. Energy Research & Social Science.

## Ir-rappurtar kumplessiv dwar l-infiq fuq il-klima mhuwiex affidabbli

**35** Jenħtieġ li l-metodoloġija użata għar-rappurtar dwar l-infiq fuq il-klima tieħu kont tal-finanzjament rilevanti kollu għall-azzjoni klimatika. Jenħtieġ li hija tuża stimi

[44] Nesbit, M. et al. Documenting climate mainstreaming in the EU budget: making the system more transparent, stringent and comprehensive. Il-Parlament Ewropew, 2020, pp. 18-20.

affidabbli, ibbażati fuq kontribuzzjonijiet ippruvati għall-objettivi klimatiċi. Jenħtieġ ukoll li ma tinvolvix piż amministrattiv tqil. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri japplikawha b'mod konsistenti fil-baġit kollu tal-UE. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha verifiki u kontrolli fis-seħħ biex tiżgura l-affidabbiltà tar-rappurtar dwar il-klima.

## Limitazzjonijiet u applikazzjoni inkonsistenti tal-metodoloġija

**36** Il-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD (OECD-DAC) fassal l-indikaturi ta' Rio (ara l-paragrafu ***05***) biex jimmonitorja l-għajnuna għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, abbażi tar-rabta bejn l-objettivi ta' finanzjament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-indikaturi huma ta' natura kwalitattiva, billi l-OECD-DAC ma kellux il-ħsieb li jipproduċi ċifri eżatti, iżda li jipprovdi indikazzjoni tal-livell ta' finanzjament għall-klima.

**37** Il-Kummissjoni addattat il-mudell tal-OECD u applikatu fl-infiq pubbliku kollu tagħha, filwaqt li kkwantifikat in-nefqa fuq il-klima mill-baġit tal-UE (ara l-***Figura 2***). Il-Kummissjoni tindika li l-vantaġġi prinċipali ta' dan il-metodu huma l-piż amministrattiv baxx u l-faċilità tal-applikazzjoni[45]. Madankollu, metodoloġija bbażata fuq objettivi ddikjarati jew fuq kontribuzzjoni mistennija għall-azzjoni klimatika tinvolvi approssimazzjonijiet sinifikanti: l-indikaturi ta' Rio ma jippermettux kwantifikazzjoni eżatta tal-infiq trekkjat[46].

**38** Il-baġit tal-UE jinkludi ħafna objettivi li jridu jikkoeżistu mal-objettivi klimatiċi, bħall-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali. Huwa inerentement diffiċli li jiġi evitat kunflitt bejn l-objettivi u biex tintiżen il-kontribuzzjoni ta' proġett għal kull wieħed. Pereżempju, il-finanzjament tal-koeżjoni għandu l-għan li jnaqqas id-disparitajiet bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, iżda l-finanzjament ta' infrastruttura biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ekonomiku jista' jżid l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-metodoloġija għat-trekkjar tal-infiq fuq il-klima tqis biss l-impatt pożittiv potenzjali fuq il-klima, u ma tittrekkjax l-impatt negattiv potenzjali fuq il-klima ta' miżuri li jservu objettivi oħra tal-UE (ara l-***Figura 9***).

---

[45] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Analitiku 01/2020: Insegwiment tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE, Figura 5.

[46] Cremins, A. u Kevany, L., An Introduction to the Implementation of Green Budgeting in Ireland, Staff Paper 2018, p. 12.

## Figura 9 – Eżempji ta’ azzjonijiet iffinanzjati b’effetti li jistgħu jkunu ta’ benefiċċju jew potenzjalment dannużi fuq il-klima



**Eżempji ta’ prattiki tajba:**
**passaġġi ġodda għaċ-ċiklisti** jistgħu jkattru l-mobbiltà nadifa; **l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli,** bħall-enerġija solari u mir-riħ, jistgħu jżidu s-sehem ta’ sorsi rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija; **l-afforestazzjoni** tista’ żżid il-ħżin tal-karbonju meħtieġ għat-tpaċija tal-emissjonijiet.

**Eżempji ta’ azzjonijiet b’impatt potenzjalment dannuż fuq il-klima:**
**l-investimenti fl-infrastruttura tat-toroq** jistgħu jżidu t-traffiku u l-emissjonijiet assoċjati;
**il-mekkanizzazzjoni tal-agrikoltura** tista’ twassal għal emissjonijiet assoċjati mal-produzzjoni u r-rilaxx tal-karbonju mill-ħamrija maħduma.



*Sors:* il-QEA.

**39** Il-metodu attwali ta’ trekkjar huwa eżerċizzju *a priori*, li ma jevalwax il-kontribuzzjoni finali lejn l-għanijiet klimatiċi tal-UE. Il-metodoloġija ma tirrikjedix kwantifikazzjoni tal-impatt tal-infiq fuq l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra u lanqas ma tistabbilixxi xi indikaturi speċifiċi rigward l-adattament. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-“monitoraġġ tal-kisba tar-riżultati se jiggarantixxi l-effikaċja tal-isforz ta’ integrazzjoni[47], iżda ma waqqfitx sistema għall-monitoraġġ tar-riżultat tal-klima.

[47] Il-Kummissjoni Ewropea, Baġit għall-Ewropa 2020, KUMM(2011) 500, 2011, Parti II, p. 15.

**40** Il-Kummissjoni indikat il-ħtieġa ta’ proċeduri komuni ta’ trekkjar għan-nefqa fuq il-klima[48]. Ix-xogħol li wettaqna żvela diversi inkonsistenzi oħra fl-applikazzjoni tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-infiq fuq il-klima:

- Il-bażi ġuridika għall-metodoloġija: il-koeffiċjenti applikabbli (u r-raġunament għall-użu tagħhom) ġew stabbiliti fil-leġiżlazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej (ara l-paragrafu ***04***), iżda mhux fil-leġiżlazzjoni għal fondi oħra (eż. l-FAEG, l-FNE u Orizzont 2020). Għalhekk il-koeffiċjenti setgħu jiġu aġġustati b’mod retroattiv (ara l-paragrafu ***46***).
- Għażla ta’ koeffiċjenti: proġetti simili jirċievu koeffiċjenti differenti. Il-proġetti tat-trasport bil-ferroviji fin-network trans-Ewropew, pereżempju, irċevew indikatur ogħla taħt l-FNE (100 %) milli taħt il-FEŻR u l-FK (40 %). Aħna identifikajna għaxar proġetti tat-trasport bl-ajru taħt Orizzont 2020 li rċevew koeffiċjenti differenti, minkejja l-fatt li kellhom deskrizzjonijiet u objettivi simili. L-istess miżura ta' żvilupp rurali tista’ tirċievi koeffiċjenti differenti skont l-oqsma ta’ prijorità li tkun ġiet assenjata għalihom.
- Il-granularità (il-livell ta’ dettall f’sett ta’ *data*): il-koeffiċjenti jiġu attribwiti f’livelli differenti ta’ dettall, eż. il-livell tal-proġett (FNE), il-qasam ta' intervent (FEŻR), il-qasam ta’ fokus jew ta’ prijorità (FAEŻR), u l-linja baġitarja (FAEG).

**41** Meta tirrapporta dwar l-infiq fuq il-klima, il-Kummissjoni ma tagħmilx distinzjoni bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-aggregazzjoni tal-adattament u tal-mitigazzjoni taħt indikatur komuni tfisser li mhuwiex possibbli li jiġi kkalkulat is-sehem mill-baġit tal-UE ddedikat għal kull wieħed minnhom. Ir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar l-assistenza għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni huwa l-eċċezzjoni, billi jagħmel distinzjoni bejniethom it-tnejn. F’konformità mal-metodoloġija tal-OECD, il-Kummissjoni tassenja koeffiċjenti għall-klima separati għall-mitigazzjoni u l-adattament, u tirrapporta dwar iż-żewġ dimensjonijiet lill-OECD. Il-***Figura 10*** tippreżenta l-karatteristiċi tal-metodoloġija tal-Kummissjoni.

[48] Ibid.

## Figura 10 – Il-karatteristiċi prinċipali tal-metodoloġija tal-Kummissjoni




*Sors:* il-QEA.

**42** Il-Kummissjoni tosserva li xi Stati Membri – l-Irlanda, Franza, l-Italja, in-Netherlands, il-Finlandja, l-Iżvezja u, sa ċertu punt, id-Danimarka – jirrappurtaw dwar il-politika baġitarja tagħhom minn angolu ambjentali jew klimatiku[49]. Il-Gvern Franċiż juża metodu komprensiv biex jirrapporta dwar l-impatt ambjentali tal-baġit nazzjonali tiegħu (jiġifieri bbaġitjar ekoloġiku), li jkopri kemm id-dħul kif ukoll l-infiq. Il-mudell Franċiż iżomm kont tal-kontribuzzjonijiet ambjentali kemm pożittivi kif ukoll negattivi tal-baġit nazzjonali. It-*Tabella 6* toffri analiżi komparattiva tal-mudell Franċiż u dak tal-UE.

[49] Il-Kummissjoni, Green Budgeting Practices in the EU: A First Review, Discussion Paper, 2021, p. 22.

## Tabella 6 – Analiżi komparattiva tal-mudell Franċiż u l-mudell tal-UE għar-rappurtar dwar il-klima/l-ambjent

| Karatteristika | Mudell Franċiż | Mudell tal-UE |
|---|---|---|
| **Dimensjonijiet tar-rappurtar** | Adattament għat-tibdil fil-klima | Azzjoni klimatika |
| | Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima | |
| | Bijodiversità | Bijodiversità |
| | Ġestjoni tal-ilma | *Ma tiġix trekkjata* |
| | Tniġġis | Arja nadifa |
| | Ekonomija ċirkolari u skart | *Ma tiġix trekkjata* |
| Rappurtar dwar... | **...l-ambjent u l-klima** | **...il-klima** |
| **Id-distinzjoni bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih** | Iva ✓ | Le ✗<br>ħlief il-finanzjament mill-UE għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni, f'konformità mal-obbligi ta' rappurtar tal-OECD |
| **Bażi tal-valutazzjoni** | Firxa wiesgħa ta' impatti u diversi orizzonti ta' żmien | Kontribuzzjoni mistennija għall-objettivi klimatiċi |
| **Kunsiderazzjoni tal-impatt negattiv potenzjali tal-infiq pubbliku** | Iva ✓ | Le ✗ |
| **Indikaturi** | Ħamsa (-1 = impatt mhux favorevoli; 0 = l-ebda impatt; 1 sa 3 = impatt favorevoli) | Tlieta (0 %, 40 % u 100 % ara t-*Tabella 1*) |
| **Kwantifikazzjoni tal-infiq rilevanti fi ħdan il-baġit** | <br>**Favorevoli 6.6 %**<br>**Imħallat 0.9 %**<br>**L-ebda impatt 90.8 %**<br>**Mhux favorevoli 1.7 %** | <br>**Favorevoli 20.1 %**<br>**L-ebda impatt 79.9 %** |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-Gvern Franċiż , Report on the Environmental Impact of the Central Government Budget, 2020; Commission 2020 Annual Management and Performance Report for the EU budget.

**43** Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-importanza li jiġu stabbiliti miri klimatiċi fl-oqsma ta' politika kollha rilevanti[50], madankollu mhux il-programmi kollha rilevanti ġew assenjati mira. It-*Tabella 7* turi eżempji ta’ oqsma ta' politika rilevanti għall-klima u l-miri ta’ nfiq tagħhom stabbiliti fil-leġiżlazzjoni għall-perjodu 2014-2020. Dawn il-miri jistgħu jiggwidaw il-baġit tal-UE lejn infiq aktar ekoloġiku, iżda ma ġewx stabbiliti b’mod konsistenti fil-baġit kollu.

## Tabella 7 – Eżempji ta’ oqsma ta’ politika rilevanti għall-klima u l-miri ta’ nfiq tagħhom stabbiliti fil-leġiżlazzjoni għall-perjodu 2014-2020:

| | Programm | | Mira ta’ nfiq | Bażi ġuridika |
|---|---|---|---|---|
| L-ebda mira rilevanti għall-klima | **FNE** |  | L-ebda mira għall-klima | |
| Miri għall-ambjent u għall-klima | **FAEG** |  | 30 % li għandhom jintefqu fuq l-“ekoloġizzazzjoni" | L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) 1307/2013. |
| | **FAEŻR** |  | Mill-inqas 30 % għal azzjoni fuq il-klima u l-ambjent | L-Artikolu 59(6) tar-Regolament (UE) 1305/2013 |
| Miri klimatiċi | **FEŻR** |  | Minn mill-inqas 12 % għal mill-inqas 20 % għall-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju | L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 1301/2013. |
| | **Orizzont 2020** |  | Mill-inqas 35 % għall-azzjoni klimatika | Il-Premessa 10 tar-Regolament (UE) 1291/2013 |
| | **DCI** |  | Mill-inqas 20 % għall-azzjoni klimatika | Il-Premessa 20 tar-Regolament (UE) 233/2014 |

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq.

[50] Il-Kummissjoni Ewropea, Baġit għall-Ewropa 2020, KUMM(2011) 500, 2011, Parti II, p. 15.

## In-nefqa fuq il-klima rrappurtata mhux neċessarjament intefqet

**44** Għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni rrappurtat madwar EUR 216-il biljun bħala "nfiq fuq il-klima"[51]. Madankollu, ġeneralment hija tibbaża r-rappurtar tagħha fuq ammonti ppjanati jew impenjati (ara l-*Figura 11*). Il-FSE huwa l-eċċezzjoni, billi f'dan il-każ il-Kummissjoni tuża l-ammonti li verament ikunu ntefqu, għalkemm tikkombina l-infiq tal-UE u tal-Istati Membri (ara l-*Kaxxa 6*).

### Figura 11 – Bażi differenti użata għar-rappurtar dwar il-klima mwettaq mill-Kummissjoni




*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq rappurtar dwar il-klima mwettaq mill-Kummissjoni.

[51] Il-Kummissjoni, 2020 Annual Management and Performance Report for the EU budget, Volume I, 2021, p. 8-9.

## Kaxxa 6 – Rappurtar dwar il-klima għall-FSE fil-perjodu 2014-2020

Għall-kuntrarju tal-programmi ta' finanzjament oħra, il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-infiq fuq il-klima taħt il-FSE abbażi tal-ammonti li jkunu **ntefqu**.

Billi l-awtoritajiet nazzjonali indikaw għadd akbar ta' proġetti bħala li huma rilevanti għall-klima milli kien inizjalment mistenni, l-infiq relatat mal-klima **rrappurtat** għall-FSE kiber minn EUR 1.1 biljun għal EUR 5.5 biljun, li jirrappreżenta żieda ta' 400 %.

Aħna sibna li l-Kummissjoni inkludiet l-infiq kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri, u b'hekk stmat b'mod eċċessiv l-infiq tal-UE b'EUR 1.5 biljun, jew 38 %.




*Sors:* Public dashboard for European Structural and Investment Funds (aċċessat fit-22/11/2021); il-Kummissjoni 2020 Annual Management and Performance Report for the EU budget, dokumenti interni tal-Kummissjoni.

**45** Meta ċ-ċifri rrappurtati huma bbażati fuq ammonti ppjanati jew impenjati, dawn jiġu esaġerati minħabba fondi mhux użati jew mhux żborżati (eż. dewmien fil-proġetti, pagamenti tardivi jew maturità baxxa tal-proġetti)[52], ara l-***Figura 12***. F'rapport tal-2018, aħna osservajna l-impatt li dan kellu fuq il-perjodu 2007-2013[53].

[52] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 19/2019: L-INEA: il-benefiċċji twasslu iżda n-nuqqasijiet tal-FNE għad iridu jiġu indirizzati, il-paragrafu IV.

[53] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 17/2018: L-azzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-aħħar snin tal-programmi għall-perjodu 2007-2013 indirizzaw l-assorbiment baxx iżda ma kinux iffukati biżżejjed fuq ir-riżultati.

**Figura 12 – L-infiq bħala perċentwal tal-ammont ibbaġitjat (fondi magħżula bbażati fuq il-proġetti għall-perjodu 2014-2020)**




*Nota: Data* suġġetta għal bidla minħabba aġġornamenti fil-bażi ta'*data*.
*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq: dikjarazzjoni trimestrali tal-infiq, Marzu 2021 (FAEŻR); Public dashboard for European Structural and Investment Funds fit-22/11/2021 (FEŻR u FK); il-Kummissjoni, Annual Management and Performance Report for the EU Budget, volume III, 2021, p. 26 (FNE).

**46** F'xi każijiet, il-Kummissjoni reġgħet ivvalutat l-infiq b'mod retroattiv u aġġustat iċ-ċifri tal-infiq fuq il-klima kif meħtieġ. Taħt l-FNE, pereżempju, il-Kummissjoni reġgħet ivvalutat b'mod retroattiv il-proġetti tat-trasport u l-enerġija billi użat il-metodoloġija tal-perjodu 2021-2027. Imbagħad żiedet il-kontribuzzjoni għall-klima taħt l-FNE għall-perjodu 2014-2020 b'91 %, minn EUR 11-il biljun għal EUR 21 biljun (ara l-paragrafu *32*). B'mod simili, fl-2018, evalwazzjonijiet addizzjonali tas-suġġetti u l-proġetti taħt Orizzont 2020 wasslu għal żieda ta' 41 % fil-kontribuzzjoni tal-2017 għall-infiq fuq il-klima minn Orizzont 2020. Aħna sibna li l-koeffiċjenti għall-klima li ntużaw għal 9 minn 24 proġett taħt Orizzont 2020 li eżaminajna ma kinux raġonevoli, billi kellhom rabta mal-azzjoni klimatika li kienet aktar dgħajfa minn dik iddikjarata. Għal dawn il-proġetti, aħna identifikajna stima eċċessiva ta' madwar EUR 0.3 biljun (1 % tal-ammont relatat mal-klima taħt Orizzont 2020).

## Mistenni titjib limitat fir-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2021-2027

**47** L-appoġġ finanzjarju mill-UE għall-perjodu 2021-2027 għandu żewġ komponenti prinċipali, il-baġit tal-QFP u l-NGEU (ara l-*Figura 3*). Jenħtieġ li t-trekkjar klimatiku u r-rappurtar jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda fil-perjodu 2014-2020 u jipprovdu ċifri affidabbli dwar l-infiq fuq il-klima.

## Rappurtar dwar il-klima taħt il-QFP il-ġdid

**48** Biex tappoġġa l-mira ogħla ta’ 30 % għall-kontribuzzjoni mill-baġit tal-UE għall-objettivi klimatiċi fil-perjodu 2021-2027, il-leġiżlazzjoni tal-UE stabbiliet miri għall-kontribuzzjoni mingħand programmi speċifiċi għall-azzjoni klimatika (eż. FNE - 60 %, FEŻR - 30 %, FK - 37 %, Orizzont Ewropa - 35 %, Strument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali - 30 %)[54]. B’mod ġenerali, dawn il-miri jimbuttaw għal fokus akbar fuq l-azzjoni klimatika f’diversi oqsma ta' politika.

**49** F’ħafna oqsma ta’ politika (eż. FNE, FSE, DCI) it-trekkjar klimatiku taħt il-QFP 2021-2027 jibqa’ essenzjalment l-istess bħal dak għall-perjodu 2014-2020. F’oqsma oħra (eż. FAEG, FAEŻR, FEŻR, FK), il-Kummissjoni aġġustat jew ikkjarifikat il-koeffiċjenti għall-klima għal xi programmi ta’ finanzjament biex itejjeb l-allinjament mal-kontribuzzjoni reali tagħhom għall-azzjoni klimatika (ara l-***Figura 13***). Il-Kummissjoni tosserva li hija qiegħda tiżviluppa r-rappurtar tagħha dwar il-klima, fejn qed tieħu inkunsiderazzjoni l-effetti mistennija tal-infiq u tiżgura l-konsistenza fl-applikazzjoni tal-koeffiċjenti għal proġetti simili[55].

[54] Il-Premessa 5 tar-Regolament (UE) 2021/1153 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar, fost l-oħrajn, il-FEŻR u l-FK; l-Artikolu 7(10) tar-Regolament (UE) 2021/695 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa; il-Premessa 49 tar-Regolament (UE) 2021/947 li jistabbilixxi l-Istrument ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali.

[55] Il-Kummissjoni, Il-qafas ta' prestazzjoni tal-baġit tal-UE skont il-QFP 2021-2027, COM(2021) 366, p. 7.

## Figura 13 – Eżempji ta' titjib fir-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2021-2027



**FAEŻR**

- Il-koeffiċjent għall-appoġġ lil oqsma li jiffaċċjaw restrizzjonijiet naturali jew restrizzjonijiet speċifiċi oħra naqas minn 100 % għal 40 %. Madankollu, ibbażat fuq l-analiżi tagħna, ma hemmx evidenza suffiċjenti li din il-miżura tikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika (ara t-***Tabella 3***).



**FEŻR u FK**

- Oqsma ta' intervent addizzjonali introdotti biex:

- titjieb il-preċiżjoni tar-rappurtar dwar il-klima billi jiġi kkjarifikat liema proġetti jikkwalifikaw għal koeffiċjent ta' 100 % jew ta' 40 % (eż. l-effiċjenza fl-enerġija, il-bijomassa jew il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja);
- jiġu speċifikament esklużi l-faċilitajiet iddedikati għat-trasport tal-fjuwils fossili (eż. il-portijiet tal-baħar u l-portijiet interni, ara l-***Figura 8***)

- jiġi inkorporat il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti", li jipprevedi li l-attivitajiet ekonomiċi ma jridux jheddu b'mod sinifikanti l-objettivi ambjentali u klimatiċi.



*Sors:* L-Artikolu 100(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi taħt il-politika agrikola komuni; l-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/1060 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar, fost l-oħrajn, il-FEŻR u l-FK.

**50** Il-bidliet proposti jinvolvu aktar riskji u sfidi għal rappurtar affidabbli dwar l-infiq fuq il-klima (ara l-*Figura 14*).

### Figura 14 – Eżempji ta’ tibdil problematiku fir-rappurtar dwar il-klima għall-perjodu 2021-2027



**FAEG u FAEŻR**

- Koeffiċjent ta’ 40 % għall-**appoġġ għall-introjtu**[a]: aħna diġà kellna dubju dwar il-kontribuzzjoni tal-pagamenti diretti għall-klima (ara l-paragrafi *21*-*25*) u sibna li l-koeffiċjent ta’ 40 % mhuwiex realistiku u mhuwiex iġġustifikat[b], tħassib li huwa kondiviż minn esperti oħra[c].
- Koeffiċjent ta’ 100 % għall-**ekoskemi** u għall-**interventi tal-FAEŻR** li jrawmu l-iżvilupp sostenibbli, jipproteġu l-bijodiversità u jsaħħu s-servizzi tal-ekosistema[a]: filwaqt li dawn jistgħu jkunu rilevanti għall-azzjoni klimatika, jistgħu jindirizzaw il-kwalità tal-ilma, il-bijodiversità jew it-trattament xieraq tal-annimali, bl-ebda rabta jew b’rabtiet limitati mal-azzjoni klimatika[d]. Ara l-analiżi li wettaqna fuq il-miżuri agroambjentali klimatiċi fil-paragrafu *27*u t-*Tabella 3*.



**FEŻR u FK**

- Koeffiċjent ta’ 100 % għal:
- **infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**, li tista’ xxekkel it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b’emissjonijiet żero, billi din l-infrastruttura tista’ tiġi użata wkoll għall-fjuwils fossili, partikolarment il-gass naturali[e];
- **proġetti ferrovjarji** fi ħdan in-Network Trans-Ewropew tat-Trasport, li jirriskja jistma b’mod eċċessiv l-impatt tagħhom fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (ara t-*Tabella 5*).



*Sors:* **a:** L-Artikolu 100(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi taħt il-politika agrikola komuni; **b:** Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-Opinjoni 7/2018: dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal regolamenti relatati mal-Politika Agrikola Komuni għall-perjodu wara l-2020, il-paragrafu 38; il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Analitiku 01/2020: Insegwiment tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE, il-paragrafi 44-46, **c:** Matthews, A., Climate mainstreaming the CAP in the EU budget: fact or fiction, 2020; Bas-Defossez, F. et al., Keeping track of climate delivery in the CAP?, Report for NABU by IEEP, 2020; **d:** L-Artikolu 31(4) tar- Regolament (UE) 2021/2115; **e:** Climate Action Europe, Climate mainstreaming and climate proofing: the horizontal integration of climate action in the EU budget – assessment and recommendations, 2018.

## L-isfidi tal-NGEU

**51** Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tal-Unjoni Ewropea hija fil-qalba tal-NGUE u għandha mira ta' 37 % għan-nefqa fuq il-klima (ara l-***Figura 3***). L-objettivi tagħha jinkludu kontribuzzjoni għall-għanijiet klimatiċi tal-UE għall-2030 u l-2040, u issa tinkorpora wkoll il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (ara l-***Figura 13***)[56]. B'mod eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jappoġġaw l-investimenti fil-fjuwils fossili[57].

**52** Il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huwa parti mis-sistema tal-UE għad-definizzjoni ta' prodotti finanzjarji sostenibbli (it-Tassonomija tal-UE)[58]. Rapport tal-2021 tal-QEA indika r-riskju li l-infiq fuq il-klima taħt l-RRF ma jkunx jissodisfa l-istandards tat-Tassonomija tal-UE. Billi dawn l-istandards japplikaw għall-bonds ekoloġiċi tal-UE, dan jista' jaffettwa r-rieda tas-suq finanzjarju li jixtri dawn il-bonds u jiffinanzja l-RRF[59].

**53** Skont ir-Regolament dwar l-RRF, il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma meħtieġa jikkoordinaw u jrawmu sinerġiji ma' fondi oħra tal-UE[60]. Dan jista' joħloq opportunitajiet għal azzjonijiet komplementari effettivi, iżda wkoll jippreżenta riskji jekk il-koordinazzjoni ma tkunx effiċjenti.

**54** Il-finanzjament taħt l-RRF se jkun ibbażat fuq il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Dawn il-pjanijiet jitfasslu mill-Istat Membru, il-Kummissjoni tivvalutahom, u l-Kunsill japprovahom fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se

---

56 L-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

57 Avviż tal-Kummissjoni, Technical guidance on the application of "do no significant harm" under the Recovery and Resilience Facility Regulation, C(2021) 1054, pp.7 -8.

58 Ir-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli.

59 Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-Rapport Speċjali 22/2021: Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli, il-paragrafu 90.

60 L-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

tikkalkula bil-quddiem il-kontribuzzjoni mill-RRF għall-infiq fuq il-klima, abbażi tal-ispejjeż stmati stabbiliti fil-pjanijiet[61].

**55** It-tfassil tal-pjanijiet u tal-pagamenti korrispondenti jġib miegħu xi riskji u sfidi, kif jidher fil-***Figura 15*** hawn taħt. Il-kontroll tal-konformità mal-kundizzjonijiet għall-pagamenti huwa r-responsabbiltà prinċipali tal-Kummissjoni.

[61] L-Artikolu 18(4)(e) u l-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

## Figura 15 – Sfidi rigward it-tfassil tal-RRF għall-infiq fuq il-klima

**Bażi tar-rappurtar:**

Ir-rappurtar dwar il-klima huwa bbażat fuq l-ispejjeż stmati inklużi fl-RRF, aktar milli fuq l-ispejjeż reali tal-proġett.

Riskju ta' dikjarazzjoni skorretta dwar l-infiq fuq il-klima jekk id-differenza bejn l-ammonti bbaġitjati u dawk reali hija sinifikanti (ara l-paragrafi ***44*** u ***45***).

**Metodoloġija għall-kalkolu tal-infiq fuq il-klima:**

L-oqsma ta' intervent u l-koeffiċjenti huma identiċi għal dawk użati fil-FEŻR u l-FK, għalkemm il-kodiċijiet numeriċi huma differenti.

It-titjib u r-riskji identifikati għall-FEŻR u l-FK jiġu riportati għall-RRF (ara l-***Figura 8*** u t-***Tabella 5***).

**Estensjoni tal-metodoloġija (għal każijiet mhux previsti):**

- Għal miżuri li jaqgħu barra mill-oqsma ta' intervent previsti, ir-regolament jippermetti l-assenjar ta' koeffiċjenti għall-klima suġġett għall-qbil tal-Kummissjoni;
- Il-koeffiċjenti jistgħu jiżdiedu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jekk il-miżuri ta' riforma li jakkumpanjawhom iżidu b'mod kredibbli l-impatt tagħhom fuq l-objettivi klimatiċi.

Mhuwiex ċar għal xiex qegħdin jirreferu dawn id-devjazzjonijiet u kif se jiġu vverifikati mill-Kummissjoni. Riskju ta' inkonsistenzi f'dak li jikkwalifika bħala nfiq fuq il-klima

**Pagamenti:**

Pagament antiċipat li jkun ugwali għal 13 % tal-ammonti ppjanati jitħallas bil-quddiem; pagamenti sussegwenti jiġu żborżati skont l-ilħuq tal-istadji importanti u l-miri stabbiliti fil-pjanijiet ("ibbażati fuq il-prestazzjoni").

L-istadji importanti u l-miri jista' ma jkollhomx rabta ċara mal-objettivi klimatiċi.

**Korrezzjonijiet:**

Il-pagamenti jiġu sospiżi, jew ma jsirux kompletament, f'każ ta' nuqqas ta' lħuq tal-istadji importanti u l-miri.

Ir-riskju ta' spariġġ bejn il-kontribuzzjoni rrappurtata tal-RRF għall-klima u l-pagamenti reali li saru (ara l-paragrafi ***44*** u ***45***).

*Sors:* il-QEA, ibbażat fuq il-Premessa 23, l-Artikolu 18(e), l-Artikolu 24, l-Anness IV u l-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

**56** L-UE adottat leġiżlazzjoni f'diversi oqsma ta' politika biex tappoġġa l-azzjoni klimatika. Hija ħadet l-impenn li tonfoq mill-inqas 20 % tal-baġit tagħha għall-perjodu 2014-2020 fuq l-azzjoni klimatika, li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, li żżid l-użu tas-sorsi rinnovabbli u li ttejjeb l-effiċjenza fl-enerġija. Fl-2021, il-Kummissjoni kienet irrappurtat li kienet laħqet din il-mira (il-paragrafi *01*-*14*).

**57** Aħna sibna li f'xi każijiet, ma kien hemm l-ebda evidenza biex tiġġustifika l-kontribuzzjoni għall-klima li saret mill-infiq tal-UE, filwaqt li f'oħrajn il-kontribuzzjoni ġiet iddikjarata b'mod eċċessiv. L-analiżi tagħna indikat li l-Kummissjoni kienet irreġistrat b'mod mhux dovut madwar EUR 72 biljun bħala nfiq fuq il-klima (ara l-*Figura 16*). Il-koeffiċjenti aktar raġonevoli li applikajna naqqsu s-sehem probabbli tal-baġit tal-UE li huwa rilevanti għall-klima għal madwar 13 % (bejn wieħed u ieħor EUR 144 biljun) aktar milli 20 %.

**Figura 16 – Rappurtar dwar il-klima mwettaq mill-Kummissjoni għall-perjodu 2014-2020 u stimi eċċessivi probabbli**




*Sors:* il-QEA, bl-użu tal-metodoloġija tal-Kummissjoni.

**58** Il-Kummissjoni rrappurtat li 26 % tal-finanzjament għall-agrikoltura kien rilevanti għall-klima, jew madwar nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima. Madankollu, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-azjendi agrikoli fl-UE ma naqqsux mill-2010 'l hawn. Skont l-analiżi li wettaqna, ir-rieżaminar tal-letteratura rilevanti u l-istudji ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni x'aktarx stmat b'mod eċċessiv il-kontribuzzjonijiet mill-politika agrikola bi kważi EUR 60 biljun, jew aktar minn 80 % tal-istimi eċċessivi probabbli tagħna (il-paragrafi *19*-*34*). Jenħtieġ li l-finanzjament ma jitqiesx bħala rilevanti għall-klima jekk ma jkunx hemm evidenza li tappoġġa dan.

## Rakkomandazzjoni 1 – Tiġi ġġustifikata r-rilevanza għall-klima tal-finanzjament għall-agrikoltura

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża l-kwantifikazzjoni tagħha tal-kontribuzzjoni tal-politika agrikola għall-azzjoni klimatika għall-perjodu 2021-2027 fuq evidenza xjentifika. Skont l-Artikolu 100(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi taħt il-politika agrikola komuni, jenħtieġ li taġġusta l-kontribuzzjoni għall-klima kif xieraq u jekk meħtieġ.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2026.**

**59** Ir-rappurtar tal-Kummissjoni dwar l-infiq fuq il-klima kien inkonsistenti. Il-proġetti ferrovjarji u tal-elettriku, pereżempju, ġew ittrattati b'mod differenti taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Fost kwistjonijiet oħra, aħna osservajna li l-Kummissjoni ma żammitx kont tal-effetti negattivi potenzjali tan-nefqa fuq il-klima, u ma għamlitx distinzjoni bejn il-mitigazzjoni u l-adattament (ara l-paragrafi *35*-*43*).

**60** Il-Kummissjoni ħalltet ċifri mhux komparabbli ( ammonti ppjanati, impenjati u li ntefqu minn oqsma ta' nfiq differenti) meta kkalkulat iċ-ċifra kumplessiva tal-infiq fuq il-klima. Il-Kummissjoni rrappurtat ukoll b'mod eċċessiv il-kontribuzzjoni mill-Fond Soċjali Ewropew, inkluża n-nefqa tal-Istati Membri fl-infiq tal-UE. Barra minn hekk, hija reġgħet ivvalutat b'mod retroattiv l-infiq fuq il-klima rrappurtat għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Dan wassal għal żieda sinifikanti fiċ-ċifri rrappurtati preċedentement (il-paragrafi *44*-*46*).

## Rakkomandazzjoni 2 – Tisħiħ tar-rappurtar dwar il-klima

(a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tidentifika u tirrapporta dwar l-infiq tal-UE b'impatt negattiv potenzjali fuq il-klima. Meta tagħmel dan, jenħtieġ li tibni fuq il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", kif definit fit-tassonomija tal-UE.

(b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida applikabbli għall-oqsma ta' politika kollha rilevanti għall-infiq fuq il-klima. Meta tagħmel dan, jenħtieġ li tistabbilixxi u tiddivulga b'mod ċar bażi koerenti għar-rappurtar, u tiżgura trattament konsistenti ta' proġetti simili (eż. l-istess koeffiċjent għall-klima) fil-baġit kollu tal-UE u n-NextGenerationEU.

(c) Jenħtieġ li għal kull perjodu ta' programmazzjoni, il-Kummissjoni ssaħħaħ ir-rappurtar dwar il-klima attwali biex tieħu kont tal-ammonti li ma ntużawx (ma ntefqux u

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Ġunju 2025.**

**61** Għall-perjodu 2021-2027, l-UE għandha l-għan li tonfoq 30 % tal-baġit tagħha fuq l-azzjoni klimatika. Il-Kummissjoni żammet l-istess metodoloġija, iżda għamlet ċerti emendi. Xi tibdiliet jirrappreżentaw titjib, pereżempju l-irfinar tal-koeffiċjenti u t-tisħiħ tal-kontribuzzjonijiet fil-mira għall-objettivi klimatiċi. Oħrajn joħolqu aktar riskji u problemi, bħal koeffiċjenti għall-klima mingħajr ġustifikazzjoni, inkonsistenzi fir-rappurtar għal proġetti ferrovjarji, u għażliet għall-użu tal-fjuwils fossili. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar l-affidabbiltà tar-rappurtar futur dwar il-klima (il-paragrafi ***47***-***50***).

**62** Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li tkompli tibni fuq il-Qafas Finanzjarju Plurennali għall-perjodu 2014-2020, tinkorpora l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-użu fakultattiv tal-kriterji tat-tassonomija tal-UE. Madankollu, aħna identifikajna problemi potenzjali fit-tfassil u l-finanzjament tagħha, partikolarment fejn l-istadji importanti u l-miri li jiskattaw il-pagamenti ma għandhomx rabta ċara mal-objettivi klimatiċi (il-paragrafi ***51***-***55***).

**63** Il-baġit tal-UE għall-perjodu 2021-2027 jimbotta għal fokus akbar fuq l-azzjoni klimatika. Madankollu, mhuwiex ċar kemm il-miri għall-infiq fuq il-klima jistgħu jiksbu f'termini ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, żieda fl-użu ta' enerġija rinnovabbli, u promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija. Dak li jgħodd fl-aħħar mill-aħħar huwa jekk l-infiq tal-UE jistax jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ilħuq tal-objettivi għall-klima u l-enerġija. Baġit rilevanti għall-klima jeħtieġ rabta b'saħħitha ma' emissjonijiet ta' gassijiet serra aktar baxxi.

## Rakkomandazzjoni 3 – Ir-rabta tal-baġit tal-UE mal-objettivi għall-klima u l-enerġija

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-kontribuzzjoni magħmula mill-infiq fuq il-klima għall-objettivi tal-UE għall-klima u l-enerġija. Jenħtieġ li hija tiffoka b'mod partikolari fuq kif tkejjel l-impatt tal-baġit fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

**Data mmirata għall-implimentazzjoni: Diċembru 2025.**

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sinjura Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fis-27 ta' April 2022.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner Lehne
*President*

# Anness — Rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-QEA li huma rilevanti għar-rappurtar dwar il-klima

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti għadhom rilevanti għar-rappurtar dwar il-klima u jikkomplementaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula f'dan ir-rapport.

| Rapport Speċjali | Rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
|  **RS 22/2021: Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli** | **3a)** tiddivulga kemm mill-finanzjament tal- **InvestEU** jiġi traċċat bl-użu tat-Tassonomija tal-UE;<br>➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 3*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata.** |
| | **3b)** għall-**InvestEU:** tirraporta dwar ir-**riżultati relatati mal-klima, bħat-tnaqqis reali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra**, ta' operazzjonijiet ta' finanzjament rilevanti li jkunu ġew ikkompletati.<br>➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 3*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata.** |
| | **5a)** tapplika l-**prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"** fil-baġit kollu tal-UE;<br>➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 2*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata parzjalment.** Fejn rilevanti u applikabbli, dan il-prinċipju ġie inkluż fil-leġiżlazzjoni rilevanti. L-applikazzjoni uniformi tal-prinċipju tat-Tassonomija tal-UE "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fil-baġit kollu tal-UE la hija fattibbli u lanqas xierqa minħabba d-diversità tal-programmi ta' nfiq tal-UE. |
| | **5c) tintegra** bis-sħiħ **il-kriterji tat-Tassonomija tal-UE fil-metodoloġija tal-UE għat-trekkjar klimatiku** hekk kif u meta jsiru disponibbli;<br>➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 2*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata parzjalment.** It-Tassonomija tal-UE hija suġġetta għal tibdil matul iż-żmien. Id-dipendenza fuqha tkun tagħmilha impossibbli li jkun hemm serje kronoloġika stabbli. L-informazzjoni dettaljata meħtieġa biex tiġi applikata t-Tassonomija mhijiex disponibbli u mhuwiex |

| Rapport Speċjali | Rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| | | meħtieġ li din tiġi pprovduta mill-Istati Membri jew mis-sħab ta' implimentazzjoni. |
| | 5d) tikkomplementa r-rappurtar attwali dwar il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-azzjoni klimatika billi tiddivulga n-**nefqa tal-UE relatata mal-klima li hija marbuta mal-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' 100 %** ibbażat fuq il-kriterji tat-Tassonomija tal-UE.<br>➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 2*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata.** |
| <br>**RS 16/2021: Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima: Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissjonijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu** | 1b) tivvaluta l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tal-Istati Membri bil-ħsieb li jiġi **limitat ir-riskju li l-iskemi tal-PAK iżidu jew iżommu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra** mill-agrikoltura.<br>➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 1*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata.** |
| | 1c) tiżgura li l-PAK tipprovdi **inċentivi** effettivi **biex jonqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bhejjem u l-fertilizzanti** li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għanijiet klimatiċi tal-UE.<br>➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 1*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata.** |
| | 3a) tistabbilixxi **indikaturi ta' monitoraġġ** li jippermettu valutazzjoni annwali tal-effett tal-miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima ffinanzjati mill-PAK 2021-2027 **fuq l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra** u tirrapporta dwarhom regolarment.<br>➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 3*** ta' dan ir-rapport | **Mhux aċċettata.** Valutazzjoni sinifikattiva tal-effetti ta' dawn il-miżuri għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra tirrikjedi *data* fuq diversi snin (għaliex il-PAK mhijiex l-uniku fattur li jwassal għal emissjonijiet ta' gassijiet serra). Tali valutazzjonijiet se jiġu indirizzati permezz ta' evalwazzjonijiet, jiġifieri mhux fuq bażi annwali. |

| Rapport Speċjali | Rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
|  **RS 18/2019: L-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-UE: rappurtar tajjeb, iżda jinħtieġ għarfien aħjar dwar it-tnaqqis fil-ġejjieni** | 2c) tivvaluta u tirrapporta lill-UNFCCC l-**impatti ta' politiki u miżuri ewlenin tal-UE fuq l-emissjonijiet**, bħall-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, ir-Regolamenti dwar l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mit-trasport bit-triq, u setturi oħra koperti mid-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. ➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 3*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata.** |
|  **RS 31/2016: Infiq ta' mill-inqas euro wieħed minn kull ħamsa mill-baġit tal-UE fuq l-azzjoni klimatika: qed isir xogħol ambizzjuż, iżda hemm riskju serju li ma jkunx suffiċjenti** | 2c) tiżgura li l-ġbir ta' *data* **jkun jiddistingwi bejn mitigazzjoni u adattament.** ➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 2*** ta' dan ir-rapport | **Mhux aċċettata.** L-implikazzjonijiet ta' tali piż amministrattiv addizzjonali impost kemm fuq il-Kummissjoni kif ukoll fuq l-Istati Membri mhumiex ċari. |
| | 4) tapplika l-**prinċipju ta' kawtela** u tikkoreġi l-istimi eċċessivi fil-**FAEŻR** billi tirrivedi l-koeffiċjenti tal-UE għall-klima li jkunu ġew issettjati. ➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 1*** ta' dan ir-rapport | **Aċċettata parzjalment.** Il-metodoloġija ta' trekkjar jeħtieġ li tibqa' stabbli matul il-QFP attwali għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, konsistenza u trasparenza. |
| | 6a) tiżviluppa sistema armonizzata u proporzjonata għall-**monitoraġġ tal-implimentazzjoni effettiva tal-azzjoni klimatika** ➔ marbuta mar-***Rakkomandazzjoni 3*** ta' dan ir-rapport | **Mhux aċċettata.** Din ir-rakkomandazzjoni twassal għal żieda fil-livell tal-piż amministrattiv impost fuq l-Istati Membri, li ma kienx previst skont ir-regolamenti attwali. |

*Sors:* il-QEA.

# Akronimi u abbrevjazzjonijiet

**DCI:** Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

**DĠ:** Direttorat Ġenerali

**ETS:** Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet

**FAEG:** Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

**FAEŻR:** Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

**FEŻR:** Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

**FK:** Fond ta' Koeżjoni

**FNE:** Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

**FSE:** Fond Soċjali Ewropew

**GHG:** Gass serra

**L-EEA:** L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

**NGEU:** NextGenerationEU

**NGO:** Organizzazzjoni nongovernattiva

**OECD:** Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

**PAK:** Politika Agrikola Komuni

**QFP:** Qafas Finanzjarju Pluriennali

**RRF:** Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

# Glossarju

**Adattament għat-tibdil fil-klima:** It-tnaqqis tal-vulnerabbiltà tal-pajjiżi u tal-komunitajiet għat-tibdil fil-klima billi tiżdied l-abbiltà tagħhom li jassorbu l-impatti tiegħu.

**Azzjoni klimatika:** Azzjoni biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu.

**Bijomassa:** Fjuwil idderivat minn prodotti organiċi u residwu tal-iskart, użat għall-ġenerazzjoni tal-enerġija.

**Deadweight:** Sitwazzjoni fejn attività ffinanzjata mill-UE kienet timxi 'l quddiem anke li kieku ma rċevietx għajnuna pubblika.

**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej:** Il-ħames fondi prinċipali tal-UE li flimkien jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ekonomiku fl-UE kollha fil-perjodu 2014-2020: il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd.

**Gass serra:** Gass fl-atmosfera – bħal diossidu tal-karbonju jew metan - li jassorbi u jemetti radjazzjoni, ma jħallix is-sħana taħrab u b'hekk isaħħan is-superfiċje tad-Dinja permezz ta' dak li huwa magħruf bħala l-effett serra.

**Indikatur ta' Rio:** Indikatur, iddefinit mill-OECD, tal-punt sa fejn attività tikkontribwixxi għall-objettivi tal-konvenzjonijiet ta' Rio.

**Infiq fuq il-klima:** Kwalunkwe nfiq li jikkontribwixxi (direttament jew indirettament) għall-objettivi klimatiċi.

**Integrazzjoni tal-azzjoni klimatika:** L-inkorporazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet relatati mal-klima fil-politiki, fl-istrumenti, fil-programmi u fil-fondi kollha.

**Introjtu Nazzjonali Gross:** Indikatur standard tal-ġid ta' pajjiż, ibbażat fuq l-introjtu minn sorsi domestiċi u minn sorsi barra l-pajjiż.

**Koeffiċjent tal-UE għall-klima:** Ponderazzjoni assenjata lill-infiq tal-UE fuq proġetti, miżuri jew azzjonijiet biex jiġi rifless il-punt sa fejn huma jinkorporaw kunsiderazzjonijiet klimatiċi.

**Konvenzjonijiet ta' Rio:** Tliet ftehimiet li rriżultaw mis-Summit dwar id-Dinja tal-1992 tan-Nazzjonijiet Uniti li sar f'Rio de Janeiro: il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Konvenzjoni Qafas dwar it-Tibdil fil-klima u l-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni.

**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima:** It-tnaqqis jew il-limitazzjoni tal-emissjoni ta’ gassijiet serra minħabba l-effett tagħhom fuq il-klima.

**Miżura agroambjentali klimatika:** Kwalunkwe wieħed minn sett ta’ prattiki fakultattivi li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti ambjentali tas-soltu u li permezz tagħhom il-bdiewa jkunu intitolati għal pagament mill-baġit tal-UE.

**Natura 2000:** Network ta' żoni ta' konservazzjoni għal speċijiet rari u mhedda, u xi tipi ta' ħabitats naturali rari protetti skont id-dritt tal-Unjoni.

**Newtralità klimatika:** Is-sitwazzjoni li fiha l-attivitajiet tal-bniedem ma jirriżultaw fl-ebda effett nett fuq il-klima.

**NextGenerationEU:** Pakkett ta’ finanzjament biex jgħin lill-Istati Membri tal-UE jirkupraw mill-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19.

**Orizzont 2020:** Il-programm tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perjodu 2014-2020.

**Pagament dirett:** Pagament ta’ appoġġ għall-agrikoltura, bħall-għajnuna relatata mal-erja, li jsir direttament lill-bdiewa, magħruf ukoll bħala appoġġ għall-introjtu.

**Patt Ekoloġiku Ewropew:** L-istrateġija tal-UE għat-tkabbir adottata fl-2019, bil-għan li l-UE ssir newtrali għall-klima sal-2050.

**Politika Agrikola Komuni:** Il-politika unika u unifikata tal-UE dwar l-agrikoltura, li tinkludi sussidji u firxa ta' miżuri oħrajn maħsuba biex jiggarantixxu s-sigurtà alimentari, jiżguraw standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa tal-UE, jippromwovu l-iżvilupp rurali u jipproteġu l-ambjent.

**Qafas Finanzjarju Pluriennali:** Il-pjan ta’ nfiq tal-UE li jistabbilixxi prijoritajiet (ibbażat fuq l-objettivi ta’ politika) u limiti massimi, ġeneralment għal perjodu ta’ seba’ snin. Huwa jipprovdi l-istruttura li fi ħdanha jiġu stabbiliti l-baġits annwali tal-UE, filwaqt li jillimita l-infiq għal kull kategorija ta' nfiq.

**Qasam ta' intervent:** Kategorija ta’ attivitajiet iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni jew mill-Fond Soċjali Ewropew.

**Qasam ta’ prijorità:** Wieħed mill-elementi li fih jiġu ripartiti l-prijoritajiet prinċipali tal-UE għall-iżvilupp rurali.

**Rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju:** Żieda fl-emissjonijiet ta’ gassijiet serra minħabba t-trasferiment tal-produzzjoni minn pajjiż b’restrizzjonijiet stretti fuq l-emissjonijiet għal wieħed fejn ir-regoli mhumiex daqshekk stretti.

**Tibdil fil-klima:** Bidliet fil-klima tad-Dinja li jirriżultaw f'xejriet tat-temp ġodda għal terminu twil.

**Trekkjar klimatiku:** Il-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri tal-infiq fuq l-azzjoni klimatika.

# Risposti tal-Kummissjoni:

https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=61103

# Kronoloġija

https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=61103

# Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar, Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu kien immexxi minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA, li ngħatat l-appoġġ minn Ildikó Preiss, Kap tal-Kabinett; Paolo Pesce u Charlotta Törneling, Attachés tal-Kabinett; Ramona Bortnowschi u Emmanuel Rauch, Maniġers Prinċipali; Antonella Stasia, Kap tal-Kompitu; Ernesto Roessing u Jonas Kathagem Awdituri, Marika Meisenzahl, Awditur u disinn grafiku. Judita Frangež ipprovdiet appoġġ segretarjali.


Joëlle Elvinger


Ildikó Preiss


Paolo Pesce


Charlotta Törneling


Ramona Bortnowschi


Emmanuel Rauch


Antonella Stasia


Ernesto Roessing


Jonas Kathage


Marika Meisenzahl


Judita Frangež

# DRITT TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2022

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-QEA dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tal-QEA ma jistgħux jgħawġu t-tifsira jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jista' jkun meħtieġ li titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Figura 2: fuq nett mil-lemin, Figura 11: fuq nett mil-lemin, ikona  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Figura 4: ikona fuq ix-xellug  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Figura 5: ikona fuq ix-xellug  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Figura 6: ikona fuq ix-xellug  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Figura 12: fuq nett mix-xellug, Figura 13: fuq nett mix-xellug, Figura 16: fuq nett mix-xellug, Kaxxa 3: fuq il-lemin, Tabella 7, ikona  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Tabella 2: ikoni  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Tabella 3: ikoni  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Tabella 4: ikoni fuq nett  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Tabella 5: ikona fuq nett mix-xellug  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Tabella 6: ikoni fuq nett mix-xellug  magħmula minn Pixel perfect minn https://flaticon.com.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ biex tirrieżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

**Użu tal-logo tal-QEA**

Il-logo tal-QEA ma jridx jintuża mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PDF | ISBN 978-92-847-7813-3 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/096 | QJ-AB-22-007-MT-N |
| HTML | ISBN 978-92-847-7828-7 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/6214 | QJ-AB-22-007-MT-Q |

L-UE impenjat lilha nfisha li tonfoq mill-inqas 20 % tal-baġit tagħha għall-perjodu 2014-2020 fuq l-azzjoni klimatika. Il-Kummissjoni ħabbret li l-UE laħqet il-mira, b'EUR 216-il biljun li ġew irrappurtati f'infiq fuq il-klima għal dan il-perjodu. Aħna sibna li l-infiq irrappurtat ma kienx dejjem rilevanti għall-azzjoni klimatika u b'mod ġenerali r-rappurtar dwar il-klima kien iddikjarat b'mod eċċessiv. Nistmaw li kien iddikjarat b'mod eċċessiv b'mill-inqas EUR 72 biljun.

Minkejja t-titjib ippjanat fir-rappurtar dwar l-azzjoni klimatika għall-perjodu 2021-2027, għad fadal xi sfidi. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna għandhom l-għan li jsaħħu r-rappurtar dwar il-klima u li jorbtu l-kontribuzzjoni baġitarja mill-UE mal-objettivi tagħha għall-klima u l-enerġija. Aħna nirrakkomandaw ukoll li tinkiseb evidenza xjentifika li tappoġġa l-kontribuzzjoni għall-klima li saret mill-politika agrikola tal-UE.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors